Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Ġunju 2025**
**(OR. en)**

**6917/1/25**
**REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0059(COD)**

**MIGR 86**
**JAI 292**
**COMIX 79**
**RELEX 324**
**CODEC 231**
***LI***
***CH***
***NO***
***IS***

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 101 final/2 |
| Suġġett: | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 101 final/2.

---

Mehmuż: COM(2025) 101 final/2

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 11.3.2025
COM(2025) 101 final/2

2025/0059 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-Unjoni Ewropea qed tpoġġi fis-seħħ politika integrata, sostenibbli u komprensiva tal-UE dwar il-migrazzjoni, waħda li hija kemm ġusta kif ukoll soda. Il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[1] ("il-Patt"), li ġie maqbul bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-2024, jgħammar lill-UE bil-qafas legali u l-għodod biex tkompli ssaħħaħ il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tagħha u tistabbilixxi proċeduri rapidi u effiċjenti għall-ażil. Il-ħidma qed tagħmel progress 'il quddiem b'ħeffa sħiħa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni komprensiva tagħha sa nofs l-2026.

L-istabbiliment ta' sistema tal-UE effettiva u komuni għar-ritorni huwa pilastru ċentrali tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Sabiex kwalunkwe sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tiffunzjona, irid ikollha politika kredibbli u effettiva dwar ir-ritorn. Meta persuni mingħajr dritt ta' soġġorn jibqgħu fl-UE, is-sistema kollha tal-migrazzjoni u l-ażil tiġi mminata. Huwa inġust għal dawk li rrispettaw ir-regoli, titnaqqas il-motivazzjoni tal-Ewropa li tattira u żżomm it-talent u fl-aħħar mill-aħħar jitnaqqas l-appoġġ pubbliku għal soċjetajiet miftuħa u tolleranti. Dan jinċentiva l-wasliet illegali u jesponi lil dawk li jkunu qegħdin illegalment f'kundizzjonijiet prekarji u jiġu sfruttati minn networks kriminali. Bħalissa, madwar 20 % biss taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ordnati jitilqu mill-Unjoni fil-fatt jagħmlu dan. Persuni li jiġu ordnati jitilqu spiss jaħarbu mill-awtoritajiet, u spiss jirrilokaw fi Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-frammentazzjoni attwali ta' 27 sistema nazzjonali differenti ta' ritorn, kull waħda bl-approċċ u l-proċeduri proprji tagħha, timmina l-effettività tar-ritorni fil-livell tal-Unjoni. Dan jitlob rieżami bir-reqqa tal-mod kif il-politika dwar ir-ritorn tiġi leġiżlata fl-UE.

Il-Linji Gwida Politiċi 2024-2029[2] tal-President von der Leyen ħabbru l-intenzjoni li jitressaq approċċ komuni ġdid dwar ir-ritorni, b'qafas leġiżlattiv ġdid immirat lejn it-tħaffif u s-simplifikazzjoni tal-proċess ta' ritorn.

Il-Kunsill Ewropew enfasizza b'mod konsistenti l-ħtieġa għal politika unifikata, komprensiva u effettiva dwar ir-ritorn u r-riammissjoni[3]. F'Ottubru 2024, huwa stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida dwar ir-ritorni, bħala kwistjoni ta' urġenza[4]. Fil-qafas tal-Patt, l-applikazzjonijiet għall-ażil se jiġu pproċessati aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti. Sabiex dan ikun sostenibbli, jeħtieġ li r-ritorni jsegwu minnufih, biex jiġi evitat li s-sistemi tagħna jkunu mgħobbija żżejjed, in-nies ma jitħallewx fil-limbu u jiġu ostakolati tentattivi ta' moviment ulterjuri fl-UE.

[1] Il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020DC0609.

[2] Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2024-2029 "Unjoni li Tirsisti għal Aktar. L-Aġenda Tiegħi għall-Ewropa".

[3] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar 2023, EUCO 1/23; Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2024, EUCO 25/24.

[4] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar 2023, EUCO 1/23; Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2024, EUCO 25/24.

Fil-livell tal-UE, il-politika dwar ir-ritorn hija rregolata mid-Direttiva 2008/115/KE[5] ("id-Direttiva dwar ir-Ritorn"). Bosta sfidi attwalment jimminaw l-effiċjenza u l-effettività tar-ritorni, li jvarjaw minn proċeduri ineffiċjenti fil-livell nazzjonali sa kooperazzjoni insuffiċjenti minn pajjiżi terzi fir-riammissjoni taċ-ċittadini proprji tagħhom. Il-proċess ta' ritorn spiss jinvolvi ħafna awtoritajiet u atturi u sar kumpless ħafna f'ħafna Stati Membri. Id-Direttiva dwar ir-Ritorn attwali tħalli lok sinifikanti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali biex timplimenta r-regoli tal-UE u għall-qrati nazzjonali biex jinterpretawhom. L-Istati Membri jirrappurtaw kwistjonijiet marbuta ma' nuqqas ta' ċarezza tar-regoli u proċedimenti amministrattivi fit-tul, li jimminaw il-proċess dovut. Dan joħloq ambigwità u inċertezza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati, kif ukoll għall-awtoritajiet li jimmaniġġjaw ir-ritorni. In-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, li jistgħu jirreżistu, jaħarbu jew inkella jfixklu l-isforzi tar-ritorn, jagħmilha diffiċli li jiġu infurzati d-deċiżjonijiet ta' ritorn. L-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi biex iżommu rekord ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul il-fażijiet differenti tal-proċeduri ta' ritorn, li jnaqqas ir-ritmu jew jipprevjeni l-progress.

Filwaqt li sar progress fl-adozzjoni tar-ritorn volontarju, dawn l-isforzi huma mxekkla minn nuqqas ta' politika kredibbli dwar ir-ritorn furzat. Barra minn hekk, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ordnati jitilqu fi Stat Membru wieħed u jaħarbu lejn ieħor, attwalment qed jiffaċċjaw ftit konsegwenzi: fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-proċess ta' ritorn jerġa' jibda, minflok, b'deċiżjoni ta' ritorn ġdida. Dan jimmina d-deċiżjonijiet meħuda bi proċess ġust fl-ewwel Stat Membru, b'ċirkomvenzjoni fil-prattika tas-sistema ta' ritorn.

Is-sistemi u l-prattiki nazzjonali huma nieqsa mill-koerenza, u attwalment ma hemm l-ebda proċess strutturat sistematiku biex jiġi identifikat u mħaffef ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà.

Il-ħafna diverġenzi bejn il-prattiki tal-Istati Membri jinkludu wkoll approċċi differenti għall-proċess ta' riammissjoni. Dan għandu impatt dirett fuq il-koerenza tal-approċċ tal-UE u l-Istati Membri għar-riammissjoni lejn pajjiżi terzi.

Ir-riforma tar-regoli tal-UE dwar ir-ritorn hija komponent essenzjali tal-isforzi kontinwi tal-Unjoni għar-riforma tar-regoli dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni. Aktar minn hekk, proċeduri effettivi, moderni għar-ritorn ta' applikanti għall-ażil mingħajr suċċess u ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn bil-viża huma fundamentali biex jiġi ssalvagwardjat l-ispazju tal-moviment liberu tal-UE mingħajr fruntieri interni.

Mill-adozzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn fl-2008, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni raw riforma kbira. Id-dritt tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni nbidel minn leġiżlazzjoni bi standards minimi biex tqarreb il-prattiki tal-Istati Membri, inkluż l-iżvilupp ta' azzjonijiet operazzjonali u prattiċi u appoġġ konkret, għal approċċ aktar koerenti fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni fittxet b'mod proattiv li tissimplifika l-prattiki biex ittejjeb l-effettività tar-ritorni, inkluż permezz ta' Rakkomandazzjonijiet fl-2017[6] u l-2023[7], u l-Istrateġija tal-UE dwar ir-Ritorn Volontarju u r-Riintegrazzjoni[8] tal-

5 Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

6 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338 tas-16 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mar-ritorn. C/2017/6505. ĠU L 339, 19.12.2017, pp. 83–159.

7 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/682 tas-16 ta' Marzu 2023 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u t-tħaffif tar-ritorni meta tiġi implimentata d-Direttiva 2008/115/KE C/2023/1763. ĠU L 86, 24.3.2023, pp. 58–64.

2021. Il-Kummissjoni ħatret Koordinatur għar-Ritorni li kien appoġġat minn Network ta' Livell Għoli għar-Ritorn.

Ir-riforma tar-regoli dwar ir-ritorn ilha prijorità u objettiv politiku mill-2018, meta l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn attwali[9]. Filwaqt li r-Regolament il-ġdid dwar il-Proċedura ta' Ritorn fil-Fruntieri[10] daħal fis-seħħ bħala parti mil-leġiżlazzjoni tal-Patt, ir-regoli ġenerali dwar ir-ritorn għadhom irregolati mid-Direttiva dwar ir-Ritorn tal-2008, li ma għadhiex adattata għall-iskop tagħha. Din il-proposta tissostitwixxi l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, COM(2018) 634 final, 2018/0329 (COD), kif adottata mill-Kummissjoni fit-12.9.2018, li qed ġiet irtirata. Il-partijiet li jifdal tal-inizjattiva tal-2018 ma rċevewx appoġġ suffiċjenti biex in-negozjati jiġu segwiti b'suċċess mill-koleġiżlaturi u għalhekk jenħtieġ li jiġu rtirati.

Din il-proposta għandha l-għan li żżid l-effiċjenza tal-proċess ta' ritorn billi tipprovdi lill-Istati Membri regoli ċari, moderni, simplifikati u komuni għall-ġestjoni effettiva tar-ritorni. Hija tfittex li tiżgura l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet minn ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz ta' kombinament ta' obbligi, inċentivi u konsegwenzi għan-nuqqas ta' kooperazzjoni. Il-proposta tfittex ukoll li tipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli u trażżan il-moviment ulterjuri mhux awtorizzat fiż-żona Schengen. Il-proposta tfittex li tiżgura li meta xi ħadd jiġi ordnat jitlaq mill-UE, huwa jitlaq mill-UE, jew bil-forza jew b'mod volontarju jekk il-kundizzjonijiet jippermettu, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, il-proposta tfittex li tgħammar lill-Istati Membri b'regoli komuni għall-identifikazzjoni u t-tħaffif tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà. Hija tinkorpora wkoll għall-ewwel darba r-riammissjoni bħala parti mill-proċess ta' ritorn. Barra minn hekk, il-proposta tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali tal-persuni ripatrijati permezz ta' salvagwardji proċedurali ċari, filwaqt li tiżgura li d-deċiżjonijiet ta' ritorn ikunu soġġetti għal skrutinju, inkluż id-dritt ta' appell u l-projbizzjoni ta' refoulement, b'attenzjoni xierqa mogħtija lill-persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal. Billi tagħlaq il-lakuni fil-proċess, il-proposta se tipprevjeni sitwazzjonijiet li fihom deċiżjoni ta' ritorn maħruġa fi Stat Membru wieħed tista' tiġi evitata jew estiża b'mod sinifikanti bir-rilokazzjoni lejn Stat Membru ieħor. Mekkaniżmu għar-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, li ġie introdott fil-proposta, se jappoġġa dan l-objettiv.

Qafas legali robust u modern li jkun sod iżda ġust, li jirrispetta d-drittijiet fundamentali, li jgammar lill-Unjoni u l-Istati Membri bl-għodod meħtieġa biex jirritornaw b'mod effettiv ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn, huwa parti meħtieġa minn sistema tal-migrazzjoni verament Ewropea.

---

8 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: L-Istrateġija tal-UE dwar ir-Ritorn Volontarju u r-Riintegrazzjoni. Brussell, is-27.4.2021. COM(2021) 120 final.

9 Proposta għal Direttiva dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni) Brussell, 12.9.2018. COM(2018) 634 final, 2018/0329 (COD).

10 Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148. PE/17/2024/REV/1. ĠU L 2024/1349, 22.5.2024.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta hija parti mill-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni kif stabbilit fir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni[11] u tikkomplementa l-qafas leġiżlattiv tal-Patt li ġie adottat f'Mejju 2024. Aspett ewlieni tal-leġiżlazzjoni tal-Patt huwa li l-proċeduri tal-ażil u ta' ritorn jinġiebu eqreb, bir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil u r-Regolament dwar Proċedura ta' Ritorn fuq il-Fruntiera. Din il-proposta tikkomplementa r-riforma billi żżid regoli komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fil-qafas leġiżlattiv tal-Unjoni.

Din il-proposta tallinja ma' xi wħud min-novitajiet ewlenin previsti fl-atti legali li jiffurmaw il-Patt. B'dan il-mod, hija tfittex li tiżgura proċess ġust u trasparenti kemm għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali. Pereżempju, il-valutazzjoni tal-età tal-minorenni f'din il-proposta tirrifletti s-soluzzjoni adottata fir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil. Il-proposta tipprevedi wkoll il-ħatra ta' rappreżentant għal minorenni mhux akkumpanjati biex jiġi żgurat li l-minorenni jiġu ttrattati b'mod xieraq matul il-proċess ta' migrazzjoni u jirċievu appoġġ xieraq. Barra minn hekk, l-obbligu taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jikkoopera, kif ukoll il-konsegwenzi għan-nuqqas ta' kooperazzjoni huma bbilanċjati bi dritt għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat li jiġi infurmat dwar dawn l-obbligi. Dan joħloq proċess li jkun ċar u ġust għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għall-awtoritajiet nazzjonali.

Din il-proposta tallinja wkoll mar-regoli rinfurzati tal-atti legali li jiffurmaw il-Patt rigward ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn li jippreżentaw riskju għas-sigurtà biex jiġi żgurat li l-għodod kollha fil-livell tal-Unjoni jintużaw bl-aktar mod sħiħ sabiex jiġu identifikati b'mod korrett dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jiġi żgurat ir-ritorn rapidu u effettiv tagħhom.

Fir-rigward tal-ħarba, din il-proposta tibni fuq xi wħud mis-soluzzjonijiet leġiżlattivi li huma parti mid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza[12] l-ġdida, li ġew adattati għall-kuntest tar-ritorn biex jiġi żgurat approċċ aktar koerenti għall-ġlieda kontra l-ħarba.

Il-proposta tipprevedi aktar opzjonijiet għall-Istati Membri biex jimmaniġġjaw b'mod konġunt il-movimenti irregolari bejn l-Istati Membri sabiex jissalvagwardjaw iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Din il-proposta għandha l-għan li ġġib ir-regoli dwar ir-ritorn għall-istess livell ta' ambizzjoni bħall-bqija tal-qafas legali għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, biex toħloq rabta u kontinwità mingħajr xkiel bejn l-istadji differenti tal-proċess ta' ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta tagħti wkoll effett lil-Linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li ġew adottati mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-12 ta' Diċembru 2024. Skont il-Linji gwida strateġiċi, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jridu jiżguraw li dawk mingħajr dritt ta' soġġorn jiġu rritornati b'mod effettiv. Għal dan l-għan, il-Linji gwida strateġiċi jitolbu li jiġi żviluppat u implimentat approċċ aktar assertiv u komprensiv għar-ritorni, billi jiġi aġġornat il-qafas legali bħala

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 ĠU L 2024/1351, 22.5.2024.

[12] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. PE/69/2023/REV/1. ĠU L 2024/1346, 22.5.2024

kwistjoni ta' urġenza, u l-kapaċitajiet tagħna, flimkien mal-użu tal-għodod interni u esterni li jinsabu għad-dispożizzjoni tagħna. Fl-aħħar nett, il-Linji gwida strateġiċi jfakkru li politika dwar ir-ritorn ta' suċċess hija pilastru fundamentali ta' sistema tal-ażil u l-migrazzjoni, komprensiva u kredibbli tal-UE, li dan ir-Regolament ifittex li jagħti effett għaliha.

Din il-proposta hija wkoll konsistenti mal-azzjoni tal-Unjoni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni u għall-preservazzjoni taż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Din il-proposta hija f'konformità mal-approċċ tal-UE li jiġu stabbiliti sħubijiet ibbilanċjati u komprensivi ma' pajjiżi terzi fejn il-migrazzjoni għandha tinbena bħala kwistjoni ewlenija, u li ssir ħidma mill-qrib ma' pajjiżi terzi dwar ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. Billi żżid l-effettività tas-sistema ta' ritorn tagħha, l-UE ser tkun tista' tagħmel użu aħjar minn kooperazzjoni mtejba dwar ir-riammissjoni mrawma bl-użu tal-politiki u l-għodod rilevanti kollha, inklużi l-politika dwar il-viżi, il-kummerċ, l-iżvilupp u d-diplomazija.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Fid-dawl tal-kontenut tal-proposta, il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 79(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-ġeometrija varjabbli, din il-proposta ssegwi reġim komparabbli mad-Direttiva dwar ir-Ritorn attwali.

Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka li huwa anness mat-Trattati, id-Danimarka għandha tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar ir-Regolament propost, jekk hijiex se timplimenta din il-proposta, li tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, fil-liġi nazzjonali tagħha.

Fir-rigward tal-Irlanda, id-Direttiva dwar ir-Ritorn attwali tippreżenta karattru ibridu, kif rifless fil-premessi tagħha. Skont l-istess approċċ fil-proposta preżenti, kemm il-Protokoll 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea li huwa anness mat-Trattati, kif ukoll il-Protokoll 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li huwa anness mat-Trattati, japplikaw għal din il-proposta.

Sa fejn ir-Regolament propost jikkostitwixxi żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, id-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom japplikaw għall-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein f'konformità mal-ftehimiet rispettivi li jassoċjaw lil dawk il-pajjiżi mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

- **Sussidjarjetà**

L-objettiv ta' tal-proposta preżenti huwa li tiġi introdotta proċedura komuni għar-ritorn u li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet u l-isfidi ewlenin li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri fir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-iżgurar tar-ritorn ta' dawk mingħajr dritt legali ta' soġġorn huma interess kondiviż tal-Istati Membri, li ma jistgħux jiksbuh waħedhom. Attwalment, ħafna min-nuqqasijiet fit-twettiq tal-politika dwar ir-ritorn huma l-konsegwenza ta' nuqqas ta' interazzjoni bejn is-sistemi nazzjonali, li jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv biss fil-livell tal-UE.

L-għan huwa li l-Istati Membri kollha jiġu mgħammra bi proċedura mingħajr xkiel u effiċjenti, u li jiġu evitati movimenti bejn l-Istati Membri li jfixklu l-proċess ta' ritorn.

Il-proċedura l-ġdida jenħtieġ li tkun irregolata mill-istess regoli, irrispettivament mill-Istat Membru li japplikahom, biex jiġu żgurati l-ekwità u approċċ unifikat fit-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn u ċarezza u ċertezza legali għall-individwu.

Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' regoli fil-livell nazzjonali bl-għan li jitnaqqsu l-inċentivi għal movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri bl-għan li jiġi ostakolat ir-ritorn ma jindirizzax il-problema b'mod effiċjenti. Għalhekk, l-objettivi ta' din il-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni trid taġixxi u tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

Fir-rigward tal-objettiv li tiġi stabbilita proċedura komuni ta' ritorn, inkluż mekkaniżmu għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn, regoli msaħħa dwar persuni li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, u ċarezza tas-salvagwardji proċedurali, l-elementi kollha tal-proposta huma limitati għal dak li huwa meħtieġ biex tiġi stabbilita u permessa din il-proċedura komuni, biex din tiġi simplifikata, biex jiġi żgurat it-trattament ugwali f'termini ta' drittijiet u garanziji f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, u jiġu evitati diskrepanzi fil-proċeduri nazzjonali, li għandhom il-konsegwenza mhux mixtieqa li jinkoraġġixxu movimenti mhux awtorizzati. L-għan ta' dawn il-bidliet huwa li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn it-trattaent ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-iżgurar li s-sistema ma tkunx tista' tiġi evitata minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom l-għan li jipprevjenu t-tneħħija tagħhom mill-Unjoni. Is-salvagwardji kollha meħtieġa huma fis-seħħ biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu ttrattati b'mod uman u ġust b'rispett sħiħ tal-Karta.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Kummissjoni qed tipproponi Regolament. Minkejja l-preżentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-2017 u l-2023 u l-evalwazzjonijiet perjodiċi ta' Schengen biex l-Istati Membri jitħeġġu jużaw il-flessibbiltajiet kollha tad-Direttiva dwar ir-Ritorn, għad hemm ostakli proċedurali importanti.

L-isforzi fit-titjib tal-effettività tal-implimentazzjoni ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw id-differenzi fit-tipi ta' proċeduri użati, id-drittijiet u l-garanziji proċedurali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, u biex jiżguraw approċċ koerenti fost l-Istati Membri.

Regolament li jistabbilixxi sistema komuni ta' ritorn fl-Unjoni, li d-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom ikunu applikabbli direttament, jipprovdi l-livell meħtieġ ta' uniformità u effettività meħtieġa għal approċċ komuni ġdid dwar ir-ritorni. Regolament jiżgura li n-novitajiet ewlenin li ġew introdotti biex tiżdied l-effettività, bħar-regoli proċedurali, l-obbligi fuq iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, u r-rikonoxximent reċiproku, jiġu indirizzati b'mod koerenti fl-Istati Membri kollha, u dan jipprevjeni effetti distorsivi u lakuni fil-funzjonament tas-sistema ta' ritorn tal-UE. Barra minn hekk, dan jallinja r-regoli dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ma' dawk speċifiċi li huma stabbiliti fir-Regolament dwar Proċedura ta' Ritorn fuq il-Fruntiera.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Diskussjonijiet fil-livell ta' esperti fil-Grupp ta' Kuntatt tar-Ritorn ippresedut mill-Kummissjoni li jiġbor esperti mill-Istati Membri, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex") minn meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva dwar ir-Ritorn analizzaw l-interpretazzjoni ta' elementi speċifiċi tad-Direttiva. Matul is-snin, dan ippermetta lill-Kummissjoni jkollha ħarsa ġenerali ċara lejn l-elementi l-aktar diffiċli fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn. Il-Grupp ta' Esperti dwar ir-Riammissjoni u l-gruppi ta' ħidma ddedikati tal-pajjiżi organizzati mill-Frontex iddiskutew u analizzaw regolarment l-isfidi fil-proċess ta' riammissjoni.

L-evalwazzjonijiet perjodiċi ta' Schengen u l-evalwazzjoni tematika ta' Schengen tal-2024 dwar ir-ritorni[13] pprovdew stampa dettaljata tas-sistema ta' ritorn attwali. Bis-saħħa tal-approċċ bejn il-pari, tim magħmul minn esperti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, appoġġat minn aġenziji tal-UE, jevalwa kull Stat Membru u kull Pajjiż Assoċjat ma' Schengen li japplika bis-sħiħ l-*acquis* ta' Schengen mill-inqas darba kull seba' snin. Dawn l-evalwazzjonijiet spiss indikaw kwistjonijiet speċifiċi fid-dritt nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva dwar ir-Ritorn u ppermettew lill-Kummissjoni tikseb ħarsa ġenerali lejn l-isfidi ewlenin marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva attwali.

Il-proposta hija infurmata wkoll mir-riżultati preliminari tal-istudju "Gaps and needs of EU law in the area of return", li huwa kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni. L-istudju mmexxi minn konsorzju tal-ICF, f'kollaborazzjoni mal-Istitut tal-Politika dwar il-Migrazzjoni (MPI Europe), iċ-Ċentru tal-Politika Ewropea (EPC), u n-Network Odysseus, ipprovda analiżijiet ta' kwalità għolja tal-opzjonijiet possibbli għall-qafas leġiżlattiv il-ġdid dwar ir-ritorn, abbażi ta' konsultazzjonijiet fil-fond permezz ta' stħarriġ, sessjonijiet ta' ħidma u intervisti mal-partijiet ikkonċernati ewlenin. Filwaqt li l-istudju se jikkonkludi biss aktar tard fl-2025, il-proċess ta' konsultazzjoni li għaddej fil-kuntest tal-istudju u r-riżultati preliminari kienu strumentali biex il-proposta tiġi infurmata.

Il-Kummissjoni żżomm konsultazzjonijiet regolari mal-prattikanti tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi permezz tal-Grupp ta' Esperti dwar ir-Ritorn tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN-REG). Il-ħidma li għaddejja tal-EMN-REG ipprovdiet bażi ta' evidenza prattika siewja, li tiżgura li l-proposta tkun ibbażata fuq esperjenzi konkreti. L-EMN-REG għandu rwol vitali billi jiffaċilita l-kooperazzjoni kontinwa u jikkondividi l-aħjar prattiki fil-qasam tar-ritorn u r-riintegrazzjoni. Permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma u seminars regolari, l-EMN-REG jindirizza suġġetti bħall-konsulenza dwar ir-ritorn, ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni, ir-ritorn ta' gruppi vulnerabbli, u alternattivi għad-detenzjoni. L-istruttura tal-EMN-REG ippermettiet feedback kontinwu, li jikkontribwixxi għall-għażliet ta' politika għal din il-proposta.

Il-proposta ġiet infurmata minn diversi proġetti ta' riċerka (li għadhom għaddejjin) iffinanzjati mill-UE fil-qasam tar-ritorn u l-migrazzjoni irregolari. B'mod partikolari, Measuring Irregular Migration and related Policies (MIrreM) dwar il-migrazzjoni irregolari b'mod ġenerali u De-centring the Study of Migrant Returns and Readmission Policies in Europe and Beyond

[13] Ir-rapport ta' evalwazzjoni tematika ta' Schengen – Bridging national gaps: towards an effective EU return system.

(GAPS), Motivations, experiences and consequences of returns and readmissions policy: revealing and developing effective alternatives (MORE) u Finding Agreement in Return (FAIR) dwar ir-ritorn, ir-riintegrazzjoni u r-riammissjoni. Dawn il-proġetti ta' riċerka jlaqqgħu flimkien akkademiċi, is-soċjetà ċivili, il-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex, fost affarijiet oħra, jeżaminaw ir-regolarizzazzjoni, l-ostakli/il-faċilitaturi għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar ir-ritorn, il-motivazzjonijiet, l-esperjenzi u l-konsegwenzi tal-politika dwar ir-ritorn u r-riammissjoni u l-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem fir-ritorn volontarju u furzat.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt sostituttiva tal-proposta riformulata tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[14] li saret mill-Parlament Ewropew u r-Rapport ta' Implimentazzjoni tal-Parlament Ewropew tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[15] ġew ikkunsidrati bir-reqqa meta ġiet elaborata l-proposta l-ġdida.

Rendikont dettaljat tal-proċess ta' konsultazzjoni u l-evidenza li jikkontribwixxu għal din il-proposta huwa stabbilit f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li se jiġi ppubblikat dalwaqt.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta ġiet infurmata minn konsultazzjonijiet ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), is-soċjetà ċivili, l-entitajiet tar-riċerka, u pajjiżi terzi.

Bejn Ottubru 2024 u Frar 2025, il-Kummissjoni intensifikat il-konsultazzjoni diġà mill-qrib u li għaddejja mal-partijiet ikkonċernati ewlenin li jvarjaw minn Stati Membri, esperti u prattikanti fil-qasam tar-ritorn u s-soċjetà ċivili. Il-konsultazzjonijiet seħħew fil-livell politiku, strateġiku u tekniku, biex jiġi żgurat li r-realtajiet u l-ħtiġijiet tal-partijiet rilevanti kollha jkunu ġew ikkunsidrati. F'dak il-kuntest, il-partijiet ikkonċernati kkondividew mal-Kummissjoni r-riżorsi rilevanti u l-input immirat.

Il-ħidma li għaddejja tal-EMN-REG ipprovdiet bażi ta' evidenza prattika siewja, li tiżgura li l-proposta tkun ibbażata fuq esperjenzi u prattiki konkreti. Permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma u seminars regolari, matul is-sena li għaddiet l-EMN-REG indirizza suġġetti bħar-rikonoxximent reċiproku, il-konsulenza dwar ir-ritorn, ir-ritorn volontarju u r-riintegrazzjoni, ir-ritorn ta' gruppi vulnerabbli, u alternattivi għad-detenzjoni. Minn Novembru 2024, l-EMN-REG intuża wkoll b'mod immirat biex jinstemgħu l-fehmiet tal-grupp, b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni vulnerabbli fil-proċess ta' ritorn.

In-Network ta' Livell Għoli għar-Ritorn ippresedut mill-Koordinatur tal-UE għar-Ritorni wettaq ukoll diskussjonijiet immirati f'Settembru 2024 u f'Jannar 2025, notevolment dwar opzjonijiet ta' politika u kunsiderazzjonijiet differenti għall-proposta.

Il-Kummissjoni organizzat bosta sessjonijiet iddedikati dwar il-leġiżlazzjoni futura fil-qasam tar-ritorn fil-Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni f'Novembru 2024, li ppermettew smigħ ulterjuri ta' fehmiet u ideat b'mod partikolari mis-soċjetà ċivili.

Il-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar il-migranti kellu wkoll diskussjoni ddedikata dwar il-leġiżlazzjoni futura dwar ir-ritorn fil-15 ta' Jannar 2025.

Matul is-sena li għaddiet, il-Kunsill taħt it-tmexxija tal-Presidenzi b'rotazzjoni organizza bosta diskussjonijiet dwar il-leġiżlazzjoni futura fil-qasam tar-ritorn fil-livell tekniku, strateġiku u ministerjali.

---

14 https://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document/EPRS_STU(2019)631727.

15 Testi adottati - Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn - il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2020 .

Proċess ta' konsultazzjoni intensiv minn Novembru 2024 sa Frar 2025 ġie organizzat fil-kuntest tal-istudju "Gaps and needs of EU law in the area of return", li huwa kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni. L-istudju mmexxi minn konsorzju tal-ICF, f'kollaborazzjoni mal-Istitut tal-Politika dwar il-Migrazzjoni (MPI Europe), iċ-Ċentru tal-Politika Ewropea (EPC), u n-Network Odysseus, ippermetta konsultazzjonijiet fil-fond permezz ta' stħarriġ, sessjonijiet ta' ħidma u intervisti mal-partijiet ikkonċernati ewlenin.

Fl-aħħar nett, hekk kif il-ħidma fuq il-proposta intensifikat, il-Kummissjoni rċeviet bosta dokumenti ta' pożizzjoni, noti u analiżijiet li jindikaw sfidi, problemi u suġġerimenti ta' soluzzjonijiet, li kollha ġew ikkunsidrati kif xieraq fil-kuntest tat-tħejjija tal-proposta.

Rendikont dettaljat tal-proċess ta' konsultazzjoni u l-evidenza li jikkontribwixxu għal din il-proposta huwa stabbilit f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li se jiġi ppubblikat dalwaqt.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni għamlet użu mill-għarfien espert miġbur mill-ħafna networks u gruppi ta' esperti attivi fil-qasam tar-ritorn inkluż il-Grupp ta' Esperti dwar ir-Ritorn tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN-REG), il-Grupp ta' Kuntatt tad-Direttiva dwar ir-Ritorn, il-Grupp ta' Esperti dwar ir-Riammissjoni, in-Network ta' Livell Għoli għar-Ritorn ippresedut mill-Koordinatur tal-UE għar-Ritorni, l-esperti li jaħdmu fil-kuntest tal-istudju "Gaps and needs of EU law in the area of return".

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset il-bosta dokumenti, dokumenti ta' pożizzjoni u materjal ta' riċerka li ntbagħtu lill-Kummissjoni partikolarment fix-xhur li għaddew, hekk kif il-ħidma fuq il-proposta intensifikat.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Filwaqt li ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt, minħabba l-urġenza li jiġu proposti regoli ġodda fil-qasam tar-ritorn, il-proposta hija infurmata mill-firxa wiesgħa ta' konsultazzjonijiet, studji u evalwazzjonijiet kif stabbilit hawn fuq.

Dalwaqt se jiġi ppubblikat Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, li jistabbilixxi l-proċess ta' konsultazzjoni li jwassal għall-proposta, kif ukoll analiżi ta' xi wħud mill-opzjonijiet ta' politika ewlenin li ġew ikkunsidrati.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tfittex li tissimplifika l-qafas legali attwali, li kompla jiġi żviluppat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-qrati nazzjonali, inkluż, li jirriżulta f'livell għoli ta' kumplessità fl-implimentazzjoni tar-regoli.

L-obbligu ta' kooperazzjoni jnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, peress li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu obbligati jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess ta' ritorn billi jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa u jibqgħu kontinwament preżenti u disponibbli. Mekkaniżmu għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jevita d-duplikazzjoni tal-isforzi fl-Istati Membri u valutazzjonijiet multipli għall-istess ċittadin ta' pajjiż terz. Barra minn hekk, l-Ordni ta' Ritorn tal-UE tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni meħtieġa biex jiġu rikonoxxuti deċiżjonijiet ta' ritorn ta' Stati Membri oħra.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari, mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[16], kif ukoll l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali, b'mod partikolari mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati[17], il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[18], il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura[19], u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal[20]

Din il-proposta tiżgura li r-ritorni jitwettqu b'mod li jirrispetta d-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, id-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, inkluża l-protezzjoni tad-data personali, il-protezzjoni f'każ ta' tneħħija u tkeċċija, notevolment il-*prinċipju ta' non-refoulement u l-protezzjoni kontra t-tkeċċijiet kollettivi,* in-nondiskriminazzjoni u d-dritt għal rimedju effettiv.

Id-dritt għal-libertà huwa protett permezz taċ-ċirkoskrizzjoni stretta tar-rikors ipprovdut għad-detenzjoni: id-detenzjoni hija ġġustifikata biss għal raġunijiet speċifiċi definiti b'mod ċar fir-Regolament, meta jkun meħtieġ u proporzjonat, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ soġġett għal stħarriġ ġudizzjarju. Ir-Regolament jinkwadra wkoll l-użu ta' alternattivi għad-detenzjoni peress li, filwaqt li alternattivi għad-detenzjoni huma inqas invażivi mid-detenzjoni, dawn il-miżuri madankollu jinvolvu restrizzjonijiet tal-libertà. Il-proposta tiggarantixxi li l-aħjar interessi tat-tfal jenħtieġ li jkunu ta' kunsiderazzjoni primarja meta jiġi applikat dan ir-Regolament. Regoli speċjali japplikaw għall-minorenni fil-proċess ta' ritorn, speċjalment fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni. Barra minn hekk, xi wħud min-novitajiet ewlenin miġjuba mil-leġiżlazzjoni tal-Patt, notevolment fir-rigward tal-valutazzjoni tal-età tal-minorenni u l-prattika tal-ħatra ta' rappreżentant biex jakkumpanja minorenni mhux akkumpanjat, issa huma introdotti wkoll għall-proċedura ta' ritorn permezz ta' dan ir-Regolament. Il-proposta teskludi wkoll minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni milli jirritornaw lejn pajjiżi fejn hemm ftehim jew arranġament fis-seħħ. Billi ssaħħaħ ir-regoli dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, il-proposta tippromwovi wkoll id-dritt għas-sigurtà.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Kif stabbilit fid-dikjarazzjoni leġiżlattiva finanzjarja u diġitali ta' akkumpanjament, l-investimenti meħtieġa fil-livell tal-UE u fil-livell tal-Istati Membri huma kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 u jistgħu jiġu ffinanzjati matul il-QFP 2021-2027 għall-Fondi għall-Affarijiet Interni, billi jsir użu mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)[21]. Il-finanzjament lil hinn mis-sena 2027 se jaqa' taħt in-negozjati tal-QFP li jmiss. Qed jiġi propost li jiġi rinfurzat il-baġit għar-ritorn tal-Frontex, jekk ikun meħtieġ, fl-2025, l-2026 u l-2027 billi jiġu allokati riżorsi internament fil-baġit tal-Frontex skont il-konsum reali.

---

16 Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 326, is-26 ta' Ottubru 2012, pp. 391-407.

17 Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, 1951, Serje tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti.

18 Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, 1950, il-Kunsill tal-Ewropa.

19 Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, 1966, in-Nazzjonijiet Uniti.

20 Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, 1989, in-Nazzjonijiet Uniti.

21 Sal-punt li l-attivitajiet jiġu ffinanzjati mill-faċilità tematika tal-AMIF, dawn jistgħu jiġu implimentati taħt il-ġestjoni diretta, indiretta jew kondiviża.

L-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-fondi allokati taħt il-programmi nazzjonali tagħhom taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni biex jappoġġaw kwalunkwe investiment meħtieġ fl-infrastruttura u l-proċeduri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Frontex tista' tappoġġa lill-Istati Membri b'persunal u attivitajiet fi ħdan il-mandat tagħha, bħall-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn, inkluż billi tkopri l-kostijiet relatati mal-operazzjonijiet ta' ritorn, in-noleġġ ta' ajruplan jew il-prenotazzjoni ta' biljetti għar-ritorni b'titjiriet kummerċjali, għall-istess skop.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni timmonitorja regolarment l-applikazzjoni tar-Regolament, inkluż permezz tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament ħames snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-objettiv ewlieni tal-proposta huwa li jiġi simplifikat il-proċess ta' ritorn u li jkun aktar ċar għall-awtoritajiet nazzjonali u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati.

Il-proposta tieħu l-forma ta' Regolament u b'hekk tiżgura li r-regoli jkunu ta' applikabbiltà diretta fl-Istati Membri u li r-ritorni jiġu ġestiti b'mod uniformi madwar l-Unjoni. Dan joħloq ċarezza u prevedibbiltà u jnaqqas l-ambitu għaċ-ċirkomvenzjoni tas-sistema ta' ritorn fi Stat Membru wieħed billi jiċċaqlaq lejn Stat Membru ieħor.

**Regoli proċedurali komuni għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet relatati mar-ritorn:** il-proposta tinkludi regoli komuni għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u l-impożizzjoni ta' projbizzjonijiet fuq id-dħul. Dan jiżgura li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu ttrattati b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha u jgħin biex jiġi żgurat li d-diverġenzi bejn is-sistemi tal-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiġu sfruttati. Id-definizzjonijiet ġew aġġornati fid-dawl tal-prattika mill-adozzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn u, fejn applikabbli, ġew allinjati mad-definizzjonijiet fl-atti legali li għadhom kif ġew adottati li jiffurmaw il-Patt, li jiżguraw l-uniformità, iċ-ċarezza u l-prevedibbiltà tul il-proċess tal-migrazzjoni. Id-drittijiet fundamentali tal-persuni ripatrijati huma salvagwardjati permezz ta' salvagwardji proċedurali ċari, filwaqt li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet ta' ritorn ikunu soġġetti għal skrutinju, inkluż id-dritt ta' appell u l-projbizzjoni ta' refoulement, b'attenzjoni xierqa mogħtija lill-minorenni mhux akkumpanjati u l-aħjar interessi tat-tfal.

**Rinfurzar tar-ritorn furzat u inċentivar tar-ritorn volontarju:** il-proposta tiċċara meta d-deċiżjoni ta' ritorn għandha tiġi infurzata permezz ta' tneħħija, u tiddefinixxi r-ritorn volontarju, u b'hekk toħloq ċarezza u prevedibbiltà kemm għall-awtoritajiet responsabbli kif ukoll għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dan imbagħad isaħħaħ ir-ritorn volontarju, hekk kif ir-ritorn furzat isir strument ċar u kredibbli. Il-proposta tiċċara d-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ tar-ritorn furzat.

**Salvagwardji proċedurali:** ir-regoli f'din il-proposta għandhom dejjem jiġu implimentati b'rispett sħiħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkluż ir-rispett għall-prinċipju ta' non-refoulement, id-dritt għal-libertà, id-dritt għal rimedju effettiv u l-aħjar interessi tat-tfal. L-iskadenzi stipulati biex isiru appelli kontra d-deċiżjonijiet tar-ritorn ivarjaw b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, b'differenza li tvarja minn ftit jiem sa xahar jew aktar. F'konformità mad-drittijiet fundamentali, jeħtieġ li l-iskadenza tipprovdi biżżejjed żmien biex jiġi żgurat aċċess għal rimedju effettiv, filwaqt li ma jiddewmux il-proċeduri ta' ritorn. Il-proposta tarmonizza wkoll ir-regoli biex jiġu pprovduti, fuq talba, assistenza u/jew rappreżentanza legali mingħajr

ħlas, f'konformità mar-regoli tal-Patt li għadhom kif ġew adottati. Fl-aħħar nett, il-proposta tallinja mar-regoli fl-*acquis* dwar l-ażil fir-rigward tal-valutazzjoni tal-età tal-minorenni, kif ukoll fir-rigward tal-ħatra ta' rappreżentant biex jakkumpanja lill-minorenni mhux akkumpanjati fil-proċess ta' ritorn. Billi tipprovdi rabta mal-proċess tal-ażil, il-proposta tiżgura trattament xieraq u koerenti tal-minorenni fir-regoli tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni, filwaqt li ġġib ċarezza, simplifikazzjoni u prevedibbiltà.

**Obbligu ta' kooperazzjoni u dritt għall-informazzjoni:** in-nuqqas ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-proċeduri ta' ritorn huwa kwistjoni ewlenija li tostakola r-ritorn. Għalhekk, din il-proposta tintroduċi obbligu espliċitu għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn, b'mod partikolari biex tiġi stabbilita u vverifikata l-identità tagħhom bil-ħsieb li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar validu, li jkun jipprovdi informazzjoni personali, informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u bijometrika. Ir-regoli proposti jiddeskrivu x'tinvolvi l-kooperazzjoni u l-konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni, flimkien ma' inċentivi biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni, inklużi l-konsulenza dwar ir-ritorn u l-appoġġ għar-ritorn volontarju. Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun infurmat kif xieraq dwar dak li huwa mistenni minnu fil-proċess ta' ritorn, il-proposta tinkludi d-dritt taċ-ċittadin ta' pajjiż terz għal informazzjoni, filwaqt li tibni fuq xi wħud mill-prattiki fl-Istati Membri, u tirrifletti dispożizzjonijiet simili introdotti permezz tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil. Is-sistema tipprovdi l-opportunità li jiġu kkontestati ċerti deċiżjonijiet u li jiġu aċċessati rimedji legali.

**Il-ġestjoni u l-prevenzjoni ta' ħarba u movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri:** il-proposta tipprovdi lill-Istati Membri regoli rinfurzati biex jiżguraw id-disponibbiltà taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-ritorn billi joħolqu sistema aktar kapaċi li tivvaluta u timmaniġġja r-riskju ta' ħarba. Hija tintroduċi lista eżawrjenti biex jiġi vvalutat ir-riskju ta' ħarba, filwaqt li jiġi żgurat approċċ koerenti u uniformi fost l-Istati Membri, u lista eżawrjenti ta' raġunijiet ta' detenzjoni. Ir-regoli li jikkomplementaw l-obbligu ta' kooperazzjoni, biex jiġi żgurat li l-persuna ripatrijata tibqa' disponibbli matul il-proċess ta' ritorn, jirriflettu f'partijiet is-soluzzjonijiet miftiehma għall-fini tal-ażil previsti fl-atti legali li jiffurmaw il-Patt, pereżempju l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jintalab jibqa' f'post ġeografiku speċifiku bħal reġjun.

**Ritorni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà:** iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni u li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jridu jiġu identifikati malajr u jiġu rritornati malajr. Il-proposta għalhekk tinkludi obbligu ġenerali għall-awtoritajiet responsabbli biex iwettqu l-verifiki meħtieġa kmieni fil-proċess ta' ritorn biex jappoġġaw l-identifikazzjoni u jivverifikaw kwalunkwe riskju possibbli għas-sigurtà. Il-proposta tiddefinixxi ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli proċedurali speċjali għal individwi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà, pereżempju meta jkun twettaq reat ta' ċertu livell ta' gravità. Dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu soġġetti għal ritorn furzat, projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal u raġuni ta' detenzjoni separata. Dawn ir-regoli jirriflettu u jallinjaw ir-regoli dwar ir-ritorn mal-leġiżlazzjoni tal-Patt li għadha kif ġiet adottata, kif ukoll mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li kollha jinkludu regoli biex jiġu ttrattati speċifikament il-migranti li jippreżentaw riskji għas-sigurtà. Il-proposta tipprovdi wkoll salvagwardji ċari għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

**Ordni Ewropea ta' Ritorn:** filwaqt li l-Istati Membri xorta waħda joħorġu d-deċiżjonijiet ta' ritorn proprji tagħhom, il-proposta tintroduċi Ordni Ewropea ta' Ritorn, li tikkomplementa d-deċiżjonijiet ta' ritorn tal-Istati Membri biex tipprovdi ċarezza fl-Istati Membri. L-Ordni Ewropea ta' Ritorn, li hija forma komuni li tinkludi l-elementi ewlenin tad-deċiżjoni ta' ritorn, se tkun disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Kwalunkwe bidla teknika meħtieġa biex jiġi ffaċilitat l-aċċess rapidu għall-Ordni Ewropea ta' Ritorn se tiġi

indirizzata fil-kuntest ta' kwalunkwe kunsiderazzjoni futura ta' bidliet fir-Regolament (UE) 2018/1860 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali. L-Ordni Ewropea ta' Ritorn se tiġi stabbilita permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

**Mekkaniżmu għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet maħruġa minn Stat Membru ieħor:** din il-proposta tintroduċi simplifikazzjoni proċedurali importanti billi tipprevedi mekkaniżmu biex tiġi infurzata direttament deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor. Skont ir-regoli attwali, il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri għandhom l-obbligu li joħorġu deċiżjoni ta' ritorn ġdida lill-individwu, anke f'każ li Stat Membru ieħor ikun diġà ħareġ deċiżjoni ta' ritorn. Din il-proposta tipprovdi lill-Istati Membri l-għodda biex jinfurzaw id-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa qabel mill-Istat Membru l-ieħor. Dan jelimina pass fil-proċess u jevita d-duplikazzjoni. Sal-1 ta' Lulju 2027, il-Kummissjoni se tirrieżamina jekk l-Istati Membri stabbilixxewx arranġamenti legali u tekniċi xierqa biex jipproċessaw b'mod effettiv l-Ordnijiet Ewropej ta' Ritorn permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li tagħmilha obbligatorja li tiġi rikonoxxuta u infurzata deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor. Il-proposta hija kkomplementata minn derogi limitati. L-Istati Membri li joħorġu deċiżjoni ta' ritorn huma responsabbli għall-infurzar tagħha u jridu jużaw il-mezzi xierqa kollha biex jiżguraw ritorn effettiv. Il-mekkaniżmu għar-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor huwa mirfud u ffaċilitat mill-Ordni Ewropea ta' Ritorn deskritta hawn fuq. Il-proposta tikkjarifika wkoll il-proċess kif ukoll is-salvagwardji u r-rimedji proċedurali rilevanti abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2023 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn.

**Ritorn lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim jew arranġament għar-ritorn:** il-proposta tintroduċi l-possibbiltà li ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu nħarġulhom deċiżjoni ta' ritorn jiġu ritornati lejn pajjiż terz li miegħu jkun hemm ftehim jew arranġament għar-ritorn ("ċentri ta' ritorn"). Jenħtieġ li l-possibbiltà li migranti irregolari jiġu ritornati lejn dawk il-pajjiżi tkun soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi biex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati. Ftehim jew arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' *non-refoulement*, jiġu rispettati. Dan il-ftehim jew l-arranġament irid jistabbilixxi l-modalitajiet ta' trasferiment, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-perjodu li matulu ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jibqa' fil-pajjiż, li jista' jkun fuq terminu qasir jew twil. Dan il-ftehim jew l-arranġament għandu jkun akkumpanjat minn mekkaniżmu ta' monitoraġġ biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni u titqies kwalunkwe ċirkostanza li tinbidel fil-pajjiż terz. Minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni huma esklużi mir-ritorn lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim jew arranġament għar-ritorn.

**Riammissjoni bħala parti integrali mill-proċess ta' ritorn:** Il-proposta tinkorpora r-riammissjoni bħala parti integrali mill-proċess ta' ritorn. Hija tistabbilixxi approċċ proċedurali komuni għall-preżentazzjoni ta' talbiet għar-riammissjoni, inkluż permezz ta' formola standard għal talbiet għar-riammissjoni u s-segwitu sistematiku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn b'talbiet għar-riammissjoni. Dan iżid it-trasparenza u l-koordinazzjoni fl-approċċ lejn pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni, filwaqt li jżomm il-flessibbiltà għall-Istati Membri. Il-proposta tintroduċi elementi għal approċċ aktar koeżiv lejn pajjiżi terzi, tipprevedi bażi legali ċara għat-trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi għall-fini ta' riammissjoni. Hija tikkjarifika li l-komunikazzjoni ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti għat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni ma twassalx għal rikonoxximent.

2025/0059 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, u li jħassar id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 79(2), il-punt (c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[22],

Wara li kkunsidra/kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[23],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni, meta tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li jkollha politika komuni dwar ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni. Politika ta' ritorn effettiva hija komponent ewlieni ta' sistema kredibbli ta' ġestjoni tal-migrazzjoni.

(2) Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni abbażi ta' proċedura komuni għar-ritorn u r-riammissjoni, sistema għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' ħarba u kooperazzjoni bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

(3) Sabiex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24], jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema komuni għall-ġestjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Jenħtieġ li dik is-sistema tkun ibbażata fuq tfassil ta' politika integrat biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effettività tal-azzjonijiet u l-miżuri meħuda mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

(4) Il-Kunsill Ewropew enfasizza b'mod konsistenti l-importanza għal azzjoni determinata fil-livelli kollha biex jiġu ffaċilitati, jiżdiedu u jitħaffu r-ritorni mill-Unjoni Ewropea.

22 ĠU C [...], [...], p. [...]
23 ĠU C [...], [...], p. [...]
24 Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

Il-Kunsill Ewropew, f'Ottubru 2024, stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida, bħala kwistjoni ta' urġenza.

(5) Il-Linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li ġew adottati mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fit-12 ta' Diċembru 2024 ifakkru li politika dwar ir-ritorn ta' suċċess hija pilastru fundamentali ta' sistema tal-ażil u l-migrazzjoni komprensiva u kredibbli tal-Unjonii. Għal dan l-għan, il-linji gwida strateġiċi jappellaw biex jiġi żviluppat u implimentat approċċ aktar assertiv u komprensiv għar-ritorni, billi jiġi aġġornat il-qafas legali bħala kwistjoni ta' urġenza.

(6) Politika dwar ir-ritorn effettiva jenħtieġ li tiżgura koerenza mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u tikkontribwixxi għall-integrità tiegħu u tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni u tipprevjeni movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

(7) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu qed iżidu l-isforzi biex jagħmlu l-politiki dwar ir-ritorn aktar effettivi. Minkejja dawn l-isforzi, il-qafas legali eżistenti li jikkonsisti fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE[25] u d-Direttiva 2008/115/KE[26], ma għadux jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni. Mill-adozzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE fl-2008, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni evolvew b'mod konsiderevoli. Id-dritt tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni nbidel minn leġiżlazzjoni bi standards minimi biex tqarreb il-prattiki tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni fittxet li tirriforma r-regoli dwar ir-ritorn fl-2018 bil-proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn[27]. Il-Kummissjoni fittxet ukoll li tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tal-flessibbiltajiet tad-Direttiva 2008/115/KE permezz tar-Rakkomandazzjonijiet (UE) 2017/2338[28] u (UE) 2023/682[29]. Madankollu, il-limiti tal-qafas legali attwali ntlaħqu.

(8) Jenħtieġ li tiġi stabbilita proċedura komuni għar-ritorn li tkun soda u ġusta biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx, jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jiġu rritornati b'mod uman u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif ukoll għad-dritt internazzjonali. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti applikabbli fl-Istati Membri kollha jipprovdu ċertezza għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u għall-

---

25 Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

26 Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

27 Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni). Brussell, 12.9.2018. COM(2018) 634 final, 2018/0329 (COD).

28 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2338 tas-16 ta' Novembru 2017 li tistabbilixxi "Manwal dwar ir-Ritorn" li għandu jintuża mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri meta jkunu qed iwettqu l-kompiti relatati mar-ritorn (ĠU L 339, 19.12.2017, p. 83, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2017/2338/oj).

29 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/682 tas-16 ta' Marzu 2023 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u t-tħaffif tar-ritorni meta tiġi implimentata d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. C/2023/1763. ĠU L 86, 24.3.2023, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2023/682/oj.

awtoritajiet kompetenti. Huwa importanti li l-proċeduri ta' ritorn jiġu simplifikati, iffaċilitati u mħeffa u li jiġi żgurat li r-ritorn ma jiġix ostakolat minn movimenti mhux awtorizzati lejn Stati Membri oħra.

(9) Jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-regoli skont dan ir-Regolament ma taffettwax ir-regoli dwar l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30]. Fejn rilevanti, ir-regoli f'dan ir-Regolament huma kkomplementati mir-regoli speċifiċi li jorbtu deċiżjonijiet negattivi ta'ażil u deċiżjonijiet ta' ritorn għall-ħruġ u għal rimedji fir-Regolament (UE) 2024/1348 u l-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31].

(10) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (il-"Konvenzjoni ta' Ġinevra"). Jenħtieġ li jiġi applikat f'konformità mal-Karta, mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u mad-dritt internazzjonali rilevanti.

(11) Jenħtieġ li l-prinċipju ta' non-refoulement u l-projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva, prevista fl-Artikolu 19 tal-Karta, jiġu rispettati meta jiġi applikat dan ir-Regolament. Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jiġi estradit lejn pajjiż terz fejn ikun hemm riskju serju li jkun soġġett għal piena tal-mewt, tortura jew trattament jew piena inumani jew degradanti.

(12) L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi identifikat iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment huwa responsabbli biex jiżgura r-ritorn tagħhom. Mal-identifikazzjoni ta' soġġorn illegali, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw malajr iċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jivverifikaw ir-riskji possibbli għas-sigurtà billi jikkonsultaw il-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiċċekkjaw kwalunkwe vulnerabbiltà u, fejn rilevanti, iwettqu kontroll tas-saħħa.

(13) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Jenħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta malajr kemm jista' jkun evidenza relatata maċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli li wieħed iserraħ fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha li jkunu saru fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Jenħtieġ li kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi u kwalunkwe element ġdid li juri riskju jiġu eżaminati.

(14) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkooperaw b'mod aktar flessibbli, inkluż permezz ta' ftehimiet jew arranġamenti bilaterali ġodda, u b'mod aktar immirat biex inaqqsu l-movimenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment bejn il-fruntieri interni komuni filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

---

[30] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

[31] Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (ĠU L, 2024/1349, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj).

(15) Ladarba jiġi stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet għal dħul, soġġorn jew residenza fit-territorju tal-Istati Membri, jenħtieġ li deċiżjoni ta' ritorn tinħareġ malajr abbażi ta' valutazzjoni individwali li tqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha.

(16) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-elementi essenzjali ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru jiddaħħlu f'forma speċifika bħala Ordni Ewropea ta' Ritorn u jsiru disponibbli fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen flimkien mal-allert dwar ritorn jew permezz ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni ma' Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn min-naħa tagħha tappoġġa r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn Stat Membru ieħor.

(17) Spiss, u speċjalment f'każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, huwa diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti li jidentifikaw il-pajjiż tar-ritorn fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw il-pajjiż tar-ritorn fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli u jindikaw il-pajjiż jew il-pajjiżi l-aktar probabbli fid-deċiżjoni ta' ritorn.

(18) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru jkun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli minn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jenħtieġ li r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-proċess ta' ritorn fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa u fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll biex jiskoraġġixxu l-migrazzjoni irregolari u jiskoraġġixxu movimenti sekondarji mhux awtorizzati fl-Unjoni, kif ukoll jillimitaw id-dewmien fil-proċess ta' ritorn. Jenħtieġ li r-rimedju kontra d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġi eżerċitat fl-Istat Membru emittenti.

(19) Mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu arranġamenti legali u tekniċi biex jiżguraw li l-Ordni Ewropea ta' Ritorn tkun tista' ssir disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Sal-1 ta' Lulju 2027, ftit aktar minn sena wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1351, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina jekk l-Istati Membri jkunux stabbilixxew arranġamenti legali u tekniċi xierqa biex jipproċessaw b'mod effettiv l-Ordnijiet Ewropej ta' Ritorn permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Abbażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni li permezz tagħha jenħtieġ li r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli, appoġġati mill-Ordni Ewropea ta' Ritorn, isir obbligatorju.

(20) L-effetti tal-miżuri nazzjonali ta' ritorn jenħtieġ li jkomplu jingħataw dimensjoni tal-Unjoni billi tiġi stabbilita projbizzjoni fuq id-dħul li tipprojbixxi d-dħul u s-soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li t-tul ta' projbizzjoni fuq id-dħul jiġi ddeterminat b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha ta' każ individwali u fil-prinċipju jenħtieġ li ma jaqbiżx l-għaxar snin. Meta jiġi identifikat ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment matul il-kontrolli tal-ħruġ fil-fruntieri esterni, jista' jkun xieraq li tiġi imposta projbizzjoni fuq id-dħul sabiex jiġi evitat id-dħul mill-ġdid fil-futur u għalhekk jitnaqqsu r-riskji tal-immigrazzjoni illegali.

(21) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rritornati permezz ta' miżuri ta' koerċizzjoni permezz ta' tneħħija jew billi jikkonformaw volontarjament mal-obbligu li jitilqu. Jenħtieġ li ż-żewġ tipi ta' ritorn ikunu marbuta biex jiġu evitati lakuni fis-sistema. Filwaqt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkooperaw jenħtieġ li jkomplu jiġu ritornati

primarjament permezz ta' ritorn volontarju, regoli rinfurzati dwar it-tneħħija jfittxu li jiżguraw konsegwenza diretta u immedjata f'każ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirrispettax id-data sa meta jeħtieġ li jitlaq. Jeħtieġ li l-miżuri ta' koerċizzjoni jkunu soġġetti għall-prinċipji ta' proporzjonalità u l-effettività fir-rigward tal-mezzi użati u l-objettivi segwiti.

(22) Huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà u mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod effiċjenti u jiġu rritornati malajr. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li jitwettqu kontrolli rilevanti biex jiġu identifikati u mmarkati ċittadini ta' pajjiżi terzi b'riskji għas-sigurtà inkluż billi wieħed iserraħ fuq il-proċess ta' skrinjar kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32]. Għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà, jeħtieġ li t-tneħħija tkun ir-regola, u jeħtieġ li jkun possibbli li ssir deroga mir-regoli ġenerali sabiex jiġu previsti projbizzjonijiet fuq id-dħul itwal, perjodi ta' detenzjoni itwal u mill-użu ta' faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni sabiex dawk li jheddu s-sigurtà tal-Unjoni jitneħħew malajr.

(23) Regoli ġodda għandhom jestendu l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jiżguraw ritorni lejn pajjiżi terzi permezz ta' għodod addizzjonali. Jeħtieġ li jkun possibbli li jiġu stabbiliti ftehimiet jew arranġamenti speċifiċi ma' pajjiżi terzi bl-għan li l-Istati Membri jingħataw aktar għażliet għar-ritorni soġġett għall-kundizzjonijiet li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju ta' *non-refoulement* jiġu rispettati mill-pajjiż terz ikkonċernat. B'mod partikolari, il-ftehim jew l-arranġament jeħtieġ li jistabbilixxi l-modalitajiet tat-trasferiment, il-kundizzjonijiet għas-soġġorn fil-pajjiż, il-modalitajiet f'każ ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż tal-oriġini, il-konsegwenzi f'każ ta' ksur jew ta' bidliet sinifikanti li jkollhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni fil-pajjiż terz, u korp jew mekkaniżmu indipendenti ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-implimentazzjoni tal-ftehim jew l-arranġament. Dawn il-ftehimiet jew arranġamenti se jikkostitwixxu implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

(24) Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb mingħajr fruntieri interni tiddependi fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-*acquis* rilevanti mill-Istati Membri. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen permezz ta' evalwazzjonijiet perjodiċi, mhux imħabbra u tematiċi, inkluż fir-rigward tar-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn u r-rispett tad-drittijiet fundamentali. Dan il-mekkaniżmu jippermetti li jiġu identifikati malajr nuqqasijiet li jistgħu jfixklu l-funzjonament korrett taż-żona Schengen u jiżgura li dawk in-nuqqasijiet jiġu indirizzati kif xieraq.

(25) Jeħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja tal-Istati Membri meta japplikaw il-proċeduri ta' ritorn, f'konformità mal-Artikolu 24 tal-Karta u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi individwali tat-tfal, jeħtieġ li l-Istati Membri, b'mod partikolari, iqisu kif xieraq il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni fuq terminu

[32] Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L 2024,/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

qasir, medju u twil, kunsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà u l-fehmiet tal-minorenni f'konformità mal-età u l-maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tagħhom. Jenħtieġ li l-minorenni mhux akkumpanjat ikun iggwidat minn rappreżentant matul il-passi kollha tal-proċess ta' ritorn.

(26) Meta jkun hemm raġunijiet għal dubju dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex minorenni jew le, jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni tal-età. Għall-fini li tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi segwita l-istess proċedura kif prevista fir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33]. Meta jwettqu valutazzjonijiet tal-età, jenħtieġ li l-Istati Membri b'mod partikolari jqisu l-linji gwida rilevanti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil.

(27) Sabiex tiġi rinfurzata l-effettività tal-proċedura ta' ritorn, jenħtieġ li jiġu stabbiliti responsabbiltajiet ċari għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li ċittadini ta' pajjiżi terzi jikkooperaw mal-awtoritajiet fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqgħu disponibbli u jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex iħejju r-ritorn. F'każ li l-obbligi ta' kooperazzjoni ma jiġux rispettati, jenħtieġ li jiġu imposti konsegwenzi effettivi u proporzjonati, inkluż pereżempju benefiċċji mnaqqsa u allowances mogħtija f'konformità mal-liġi nazzjonali, is-sekwestru ta' dokumenti tal-ivvjaġġar jew l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar il-passi differenti tal-proċedura ta' ritorn, l-obbligi tagħhom u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi.

(28) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-possibbiltà li l-Istati Membri jimponu, fejn applikabbli, sanzjonijiet kriminali f'konformità mad-dritt kriminali nazzjonali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(29) Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' rimedji legali kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn biex tiġi ggarantita protezzjoni effettiva tal-interessi tal-individwi kkonċernati. Jenħtieġ li l-għajnuna legali meħtieġa tkun disponibbli, fuq talba, għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi f'każijiet ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja.

(30) Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċeduri ta' ritorn, filwaqt li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta, jenħtieġ li l-appelli kontra deċiżjonijiet relatati mar-ritorn jiġu kkontestati kemm jista' jkun quddiem livell ġudizzjarju wieħed. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament relatati mal-appelli u l-effett sospensiv jenħtieġ li jikkonformaw mad-dritt għal rimedju effettiv kif previst fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

(31) L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu pprovduti bl-għodod meħtieġa għall-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-prevenzjoni tar-riskju ta' ħarba. Jenħtieġ li r-regoli komuni jissimplifikaw il-valutazzjoni ta' dan ir-riskju f'każijiet individwali u jfittxu li jżidu l-użu ta' alternattivi effiċjenti għad-detenzjoni fl-Istati Membri biex jimmaniġġjaw b'mod effettiv il-proċess ta' ritorn.

(32) Jenħtieġ li jkun possibbli li d-detenzjoni tiġi imposta meta tkun proporzjonata u meħtieġa, wara valutazzjoni individwali ta' kull każ, inkluża l-kunsiderazzjoni ta'

[33] Ir-Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L 222, 22.5.2024, p. 1).

kwalunkwe sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, għall-fini biss tat-tħejjija tar-ritorn. Għal dan l-għan, id-detenzjoni tista' tiġi imposta meta jkun hemm riskju li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaħarbu, meta ċittadini ta' pajjiżi terzi jxekklu jew jevitaw ir-ritorn, jew meta jippreżentaw riskju għas-sigurtà, jew ma jikkonformawx ma' alternattivi għad-detenzjoni, jew id-detenzjoni tkun meħtieġa biex tiġi ddeterminata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità. Jenħtieġ li l-awtoritajiet jaġixxu bid-diliġenza dovuta u jenħtieġ li d-detenzjoni tinżamm biss għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma tistax taqbeż l-24 xahar. Fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi d-detenzjoni ta' minorenni, jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja. Jenħtieġ li jintużaw miżuri alternattivi ta' inqas koerċizzjoni oħra għad-detenzjoni meta dawn ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

(33) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskju għas-sigurtà jirrikjedi miżuri speċifiċi mmirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu għal perjodu itwal, filwaqt li kwalunkwe detenzjoni bħal din għandha tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

(34) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma jiġu ttrattati b'mod uman u dinjituż b'rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali u nazzjonali, b'kont meħud tal-linji gwida prattiċi mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti. Jenħtieġ li d-detenzjoni, bħala regola, issir f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni jew fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. L-akkomodazzjoni fil-ħabs tista' tintuża meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi din il-faċilità li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.

(35) Ir-raġunijiet għad-detenzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra għad-detenzjoni, inklużi raġunijiet għad-detenzjoni fil-qafas tal-proċedimenti kriminali, li huma applikabbli skont id-dritt nazzjonali u mhux relatati mas-soġġorn illegali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

(36) L-obbligu ta' kwalunkwe Stat li jirriammetti ċ-ċittadini proprji tiegħu jirrappreżenta prinċipju fundamentali ta' sovranità tal-Istat u kooperazzjoni internazzjonali. Id-dmir tal-Istati li jirriammettu ċ-ċittadini proprji tagħhom huwa meqjus bħala prinċipju ta' dritt internazzjonali konswetudinarju. L-eżistenza ta' dan id-dmir hija tkompli tintwera mill-prattika konsistenti tal-Istati fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni, flimkien mar-rikonoxximent tagħhom ta' dan il-prinċipju bħala aspett meħtieġ tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġestjoni tal-migrazzjoni.

(37) Approċċ sistematiku u kkoordinat għar-riammissjoni fost l-Istati Membri huwa kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Segwitu insuffiċjenti għal deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jirriskja li jxekkel l-effiċjenza tal-approċċ komuni għar-ritorni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli jiġu segwiti sistematikament mill-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi implimentat ir-ritorn, inkluża l-preżentazzjoni ta' talbiet għar-riammissjoni lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, f'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew ikun jeħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar.

(38) Filwaqt li r-riammissjoni tiddependi wkoll mill-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, jenħtieġ li jittieħed approċċ koerenti fost l-Istati Membri biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri ta' riammissjoni, u biex tiġi żgurata l-unità fost l-Istati Membri. It-trasparenza u l-koordinazzjoni dwar l-involviment ma' pajjiżi terzi, inkluż

fil-kuntest tan-negozjar ta' strumenti ta' riammissjoni, jenħtieġ li jiġu żgurati biex jissaħħaħ approċċ koerenti tal-Unjoni. Biex jiġu żgurati ritorni effettivi, jenħtieġ li l-komunikazzjoni mal-entitajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-proċedura ta' riammissjoni ma twassalx għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati ta' pajjiż terz.

(39) Proċeduri effettivi ta' ritorn iserrħu fuq kooperazzjoni amministrattiva u kondiviżjoni ta' informazzjoni effiċjenti bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-iskambju ta' informazzjoni inkluża l-kondiviżjoni ta' data dwar l-identità u n-nazzjonalità taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, id-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom u informazzjoni rilevanti oħra jkun ibbażat fuq regoli ċari, inklużi dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34]. Jenħtieġ li dawn ir-regoli jirrispettaw il-prinċipji ta' protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-individwu kkonċernat, filwaqt li jiżguraw li din l-informazzjoni tkun preċiża u tintuża biss għall-finijiet ta' ritorn, riammissjoni, u riintegrazzjoni, u tkun protetta kontra l-aċċess, id-divulgazzjoni jew l-użu mhux awtorizzat.

(40) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirrispettaw id-Direttiva [...] li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalit biex tħeġġeġ ir-rappurtar dwar il-kriminalità u trawwem il-fiduċja fis-sistema tal-ġustizzja.

(41) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35] japplika għall-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill japplika għall-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Fid-dawl tar-raġunijiet importanti ta' interess pubbliku għar-riammissjoni, it-trasferiment ta' data personali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn, inkluża data relatata mal-identità tagħhom, dokumenti tal-ivvjaġġar, data rilevanti oħra kif ukoll, f'każijiet debitament ġustifikati, data dwar il-kundanni kriminali u s-saħħa tagħhom, jistgħu jkunu meħtieġa għall-finijiet ta' riammissjoni u riintegrazzjoni. Dawn it-trasferimenti jridu jitwettqu f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725[36], kif applikabbli, kif ukoll mal-prinċipji ta' non-refoulement, proporzjonalità u neċessità u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(42) L-ostakli għall-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri li huma responsabbli għall-proċeduri ta' ażil u ta' ritorn jirrappreżentaw sfida strutturali ewlenija għal proċess ta' ritorn aktar effiċjenti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti involuti fil-fażijiet differenti tal-proċess ta' ritorn jaħdmu u jikkoordinaw

[34] Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1860/oj).

[35] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

[36] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

mill-qrib. Meta l-Istati Membri jaħtru awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi bħala awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jinftiehem li din id-deżinjazzjoni tkun limitata għal dawn l-awtoritajiet meta jaġixxu fil-kapaċità tagħhom li jinfurzaw deċiżjonijiet ta' ritorn. Jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet investigattivi fi proċedimenti kriminali ma jkunux koperti minn din id-deżinjazzjoni.

(43) Sistema komuni għar-ritorni jenħtieġ li tagħmel użu sħiħ mis-sistemi diġitali li jappoġġaw il-ġestjoni tar-ritorni, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni li jkunu mmaniġġjati operazzjonalment fil-livell tal-Unjoni jew mill-Istati Membri, b'enfasi fuq il-proċedura amministrattiva effiċjenti, il-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-interoperabbiltà.

(44) L-Unjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju u operazzjonali sabiex tikseb implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament. Sal-punt li l-attivitajiet jenħtieġ li jiġu ffinanzjati mill-faċilità tematika tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, dawn jistgħu jiġu implimentati taħt il-ġestjoni diretta, indiretta jew kondiviża. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mill-istrumenti finanzjarji, il-programmi u l-proġetti disponibbli tal-Unjoni fil-qasam tar-ritorn, b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37], kif ukoll tal-assistenza operazzjonali mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38]. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jintuża b'mod partikolari għall-istabbiliment ta' sistemi u programmi ta' ġestjoni tar-ritorn għall-forniment ta' materjal loġistiku, finanzjarju u materjal ieħor jew assistenza in natura biex jiġi appoġġat ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

(45) Il-ġbir u l-analiżi ta' statistika affidabbli u komparabbli dwar ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni huma essenzjali għall-monitoraġġ tal-effettività ta' dan ir-Regolament u għall-identifikazzjoni ta' oqsma għal titjib, peress li jipprovdu informazzjoni intuwittiva siewja dwar l-effiċjenza tal-proċeduri ta' ritorn, il-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi, u l-eżiti tal-isforzi għar-riintegrazzjoni. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti standards u definizzjonijiet komuni għall-ġbir u r-rappurtar ta' data rilevanti biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jivvalutaw l-impatt ta' dan ir-Regolament u biex jikkontribwixxu għat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar żviluppi tal-politika futuri.

(46) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-Ordni Ewropea ta' Ritorn u l-forma komuni ta' talbiet għar-riammissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39].

---

[37] Ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1147/oj).

[38] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj).

[39] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

(47) Id-Direttiva 2001/40/KE, 2008/115/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE għandhom jitħassru.

(48) Minħabba li l-objettivi tar-Regolament li jtejjeb l-effiċjenza tar-ritorn biex tiġi salvagwardjata ż-żona mingħajr fruntieri, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda, pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni biex jiġi garantit approċċ komuni u koerenti fost l-Istati Membri, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(49) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, u mhijiex marbuta bih u lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni — sa fejn japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40] - fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk hijiex ser timplimentah fid-dritt nazzjonali tagħha.

(50) Sa fejn dan japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[41]; Għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u, soġġetta għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 19 dwar l-*acquis* ta' Schengen li huwa integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mhijiex marbuta bih u lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. [Madankollu, sa fejn dan ir-Regolament ma jikkostitwixxix żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, l-Irlanda, f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, innotifikat [permezz ta' ittra ta'...,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

[jew]

[Barra minn hekk, sa fejn dan ir-Regolament ma jikkostitwixxix żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, f'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll,

---

40 Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen); ĠU L 2016,/399, 15.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj).

41 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2002/192/oj).

l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhijiex marbuta bih ju lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]

(51) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi — sa fejn japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 — żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[42], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt C, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE.

(52) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi — sa fejn japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 — żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[43], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt C, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[44].

(53) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi — sa fejn japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 — żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt C, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[45].

(54) Fejn dan ir-Regolament jirreferi għal obbligu ta' tluq mill-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li dan jinftiehem bħala obbligu ta' tluq mit-territorju tal-Istati Membri kollha li għalihom japplika dan ir-Regolament, inkluż fid-dawl tal-premessi preċedenti.

(55) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fi [...].

---

42 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1999/439(1)/oj.

43 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

44 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/146/oj).

45 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/350/oj).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# Kapitolu I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*
***Suġġett***

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni, f'konformità mad-drittijiet fundamentali rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il- "Karta") kif ukoll l-obbligi applikabbli skont id-dritt internazzjonali, inkluż dwar il-protezzjoni tar-refuġjati u d-drittijiet tal-bniedem.
2. L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jiżgura r-ritorn u r-riammissjoni effettivi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment f'konformità mal-approċċ komprensiv kif stabbilit fl-Artikoli 3, l-Artikolu 4, il-punt (h), u l-Artikolu 5, il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2024/1351**.**

*Artikolu 2*
***Kamp ta' applikazzjoni***

1. Dan ir-Regolament japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju tal-Istati Membri.
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal persuni li għandhom id-dritt għal-libertà tal-moviment taħt iid-dritt tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2016/399.

*Artikolu 3*
***Derogi***

1. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġejjin:
   a. dawk soġġetti għal rifjut ta' dħul fil-fruntieri esterni f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/399;
   b. dawk li jinqabdu jew jiġu interċettati mill-awtoritajiet kompetenti b'konnessjoni mal-qsim illegali tal-fruntiera bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li sussegwentement ma jkunux kisbu awtorizzazzjoni jew dritt ta' soġġorn f'dak l-Istat Membru.
2. Meta l-Istati Membri japplikaw derogi skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, huma għandhom iserrħu fuq id-dritt nazzjonali għall-fini li jiżguraw ir-ritorn ta' dawn il-kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement. L-Artikoli li ġejjin għandhom japplikaw: L-Artikolu 12(4) u l-Artikolu 12(5), l-Artikolu 14(2), l-Artikolu 14(6), il-punt (c), l-Artikolu 14(6), il-punt (e), l-Artikolu 34 u l-Artikolu 35.

*Artikolu 4*
***Definizzjonijiet***

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li mhijiex persuni li għandha d-dritt għal-libertà tal-moviment taħt iid-dritt tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 5, tar-Regolament (UE) 2016/399;

(2) "soġġorn illegali" tfisser il-preżenza, fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew ma għadux jissodisfa, il-kundizzjonijiet għad-dħul, kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, is-soġġorn jew ir-residenza f'dak l-Istat Membru;

(3) "pajjiż tar-ritorn" tfisser wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) pajjiż terz li huwa l-pajjiż ta' oriġini taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

(b) pajjiż terz li huwa l-pajjiż ta' residenza abitwali formali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

(c) pajjiż terz ta' tranżitu fi triqtu lejn l-Unjoni f'konformità mal-ftehimiet jew l-arranġamenti ta' riammissjoni tal-Unjoni jew tal-Istati Membri;

(d) pajjiż terz, għajr dak imsemmi fil-punti (a), (b) u (g), fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu d-dritt li jidħol u jirrisjedi;

(e) pajjiż terz sikur li fir-rigward tiegħu l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz tkun ġiet miċħuda bħala inammissibbli, skont l-Artikolu 59(8) tar-Regolament (UE) 2024/1348;

(f) l-ewwel pajjiż ta' ażil li fir-rigward tiegħu l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz tkun ġiet miċħuda bħala inammissibbli, skont l-Artikolu 58(4) tar-Regolament (UE) 2024/1348;

(g) pajjiż terz li miegħu hemm ftehim jew arranġament li fuq il-bażi tiegħu ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa aċċettat, f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

(4) "deċiżjoni ta' ritorn" tfisser deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja, li tiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz huwa illegali u li timponi jew tiddikjara obbligu ta' tluq mill-Unjoni Ewropea;

(5) "tneħħija" tfisser l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn mill-awtoritajiet kompetenti permezz tat-trasport fiżiku barra mit-territorju tal-Istat Membru;

(6) "ritorn volontarju" tfisser konformità miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment mal-obbligu li jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri fid-data stabbilita fid-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament;

(7) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, bħal billi jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti, għal raġunijiet li mhumiex lil hinn mill-kontroll taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

(8) "projbizzjoni fuq id-dħul" tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju li jipprojbixxi dħul fi u soġġorn fit-territorju tal-Istati Membri għal perjodu speċifikat;

(9) "proċedura ta' riammissjoni" tfisser il-passi kollha mwettqa minn awtorità kompetenti jew, fejn rilevanti, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex"), fir-rigward tal-konferma tan-nazzjonalità ta' ċittadin ta' pajjiż terz, il-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-organizzazzjoni ta' operazzjoni ta' ritorn;

(10) “applikazzjoni tar-riammissjoni” tfisser talba għall-fini ta’ riammissjoni ppreżentata minn awtorità kompetenti lil awtorità kompetenti ta’ pajjiż terz li tikkonsisti f’talba għal konferma tan-nazzjonalità u talba għall-ħruġ ta’ dokument tal-ivvjaġġar, kif rilevanti;

(11) “operazzjoni ta’ ritorn” tfisser operazzjoni li hija organizzata jew ikkoordinata minn awtorità kompetenti li permezz tagħha jiġu rritornati ċittadini ta’ pajjiżi terzi minn Stat Membru wieħed jew aktar;

(12) “strument ta’ riammissjoni” tfisser strument legalment vinkolanti jew mhux vinkolanti, li fih dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni bejn Stat Membru jew l-Unjoni u pajjiż terz dwar il-proċedura ta’ riammissjoni, bħar-riammissjoni jew ftehimiet u arranġamenti internazzjonali oħra;

(13) “awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta’ soġġorn” tfisser kwalunkwe dokument maħruġ minn Stat Membru lil ċittadin ta’ pajjiż terz li jawtorizza s-soġġorn fit-territorju tiegħu, li mhuwiex permess ta’ residenza skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt 16, tar-Regolament (UE) 2016/399 jew viża għal soġġorn twil skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt 14, tar-Regolament (UE) 2018/1860 u bl-eċċezzjoni tad-dokument imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46].

*Artikolu 5*

***Drittijiet fundamentali***

Meta japplikaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jaġixxu f’konformità sħiħa mad-dritt rilevanti tal-Unjoni, inkluż il-Karta, mad-dritt internazzjonali rilevanti, mal-obbligi marbuta mal-aċċess għal protezzjoni internazzjonali, b’mod partikolari l-prinċipju ta’ non-refoulement, u mad-drittijiet fundamentali.

# Kapitolu II
# PROĊEDURA TA’ RITORN

## TAQSIMA 1
## IL-BIDU TAL-PROĊEDURA TAR-RITORN

*Artikolu 6*

***Detezzjoni u kontrolli inizjali***

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri effiċjenti u proporzjonati biex jidentifikaw ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu illegalment fit-territorju tagħhom bil-ħsieb li jwettqu l-proċedura ta’ ritorn u jwettqu kwalunkwe verifika addizzjonali meħtieġa, inkluż kwalunkwe verifika tal-vulnerabbiltà u tas-sigurtà.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddependu fuq verifiki preċedenti mwettqa fir-rigward ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi, inkluż skrinjar skont ir-Regolament (UE) 2024/1356 jew verifiki ekwivalenti skont il-liġi nazzjonali.

[46] Id-Direttiva (UE) 2024/1346 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2024 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L, 2024/1346, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1346/oj).

3. Fejn meħtieġ, jistgħu jitwettqu verifiki tas-sigurtà addizzjonali għall-fini tat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn skont dan ir-Regolament abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u kriterji oġġettivi stabbiliti ffid-dritt nazzjonali.

## TAQSIMA 2
## PROĊEDURA LI TORDNA R-RITORN

*Artikolu 7*
***Ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn***

1. Deċiżjoni ta' ritorn għandha tinħareġ lil kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom, mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8.

2. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tinħareġ bil-miktub u tagħti raġunijiet fil-fatt u fil-liġi kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz mingħajr dewmien żejjed.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li ma jipprovdux jew jistgħu jiddeċiedu li jillimitaw l-informazzjoni dwar ir-raġunijiet fil-fatt, fejn id-dritt nazzjonali jipprevedi li d-dritt għall-informazzjoni jkun ristrett jew fejn ikun meħtieġ, biex jiġu salvgwardjati l-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali u għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. F'dawn il-każijiet , iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi infurmat dwar l-essenza tar-raġunijiet li għalihom tittieħed deċiżjoni ta' ritorn għall-fini ta' aċċess għal rimedju effettiv.

4. Meta pajjiż ta' ritorn ma jkunx jista' jiġi determinat fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fil-mument tal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn, deċiżjoni ta' ritorn tista' tindika proviżorjament pajjiż tar-ritorn wieħed jew aktar.

5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu, fuq talba, jiġi pprovdut traduzzjoni bil-miktub jew orali tal-elementi prinċipali tad-deċiżjoni ta' ritorn, kif imsemmi fil-paragrafu 2, inkluża informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.

6. Id-deċiżjoni ta' ritorn skont il-paragrafu 2 għandha tinħareġ fl-istess att jew fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni li ttemm soġġorn legali ta' ċittadin ta' pajjiż terz, mingħajr ma taffettwa s-salvagwardji proċedurali previsti fil-Kapitolu IV u dispożizzjonijiet rilevanti oħra tad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali.

7. Mal-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn, l-elementi prinċipali tagħha għandhom jiddaħħlu fil-formola ("Ordni Ewropea ta' Ritorn") stabbilita skont il-paragrafu 8 u għandhom ikunu disponibbli permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1860 jew permezz ta' skambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 38.

8. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-forma tal-Ordni Ewropea ta' Ritorn imsemmija fil-paragrafu 7. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(2).

9. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jagħtu fi kwalunkwe mument permess ta' residenza awtonomu, viża għal soġġorn twil jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, umanitarji jew raġunijiet oħra lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom. F'każijiet bħal dawn, deċiżjoni ta' ritorn maħruġa għandha tiġi rtirata jew

sospiża għad-durata tal-validità tal-permess ta' residenza, tal-viża għal soġġorn twil jew ta' awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn.

10. L-Istat Membru li joħroġ deċiżjoni ta' ritorn f'konformità ma' dan l-Artikolu għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa f'konformità ma' dan ir-Regolament biex jiżgura ritorn effettiv.

*Artikolu 8*

***Eċċezzjonijiet mill-obbligu li tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn***

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma joħorġux deċiżjoni ta' ritorn f'wieħed mill-każijiet li ġejjin fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun:

   a. trasferit lejn Stat Membru ieħor f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 23a tar-Regolament (UE) 2016/399;

   b. trasferit lejn Stat Membru ieħor skont ftehimiet jew arranġamenti bilaterali jew ibbażati fuq kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 44;

   c. persuna li s-soġġorn illegali tagħha jiġi identifikat b'konnessjoni mal-kontrolli fil-fruntieri mwettqa mal-ħruġ fil-fruntiera esterna f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kontrolli ekwivalenti skont id-dritt nazzjonali, fejn jiġi ġġustifikat fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża, u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

2. Deċiżjoni ta' ritorn ma għandhiex tinħareġ f'każijiet fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu permess ta' residenza validu, viża għal soġġorn twil jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn maħruġa minn Stat Membru ieħor jew ikun is-suġġett ta' proċedura pendenti għat-tiġdid ta' permess ta' residenza, viża għal soġġorn twil jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn fi Stat Membru ieħor.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru għandu jirrikjedi li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz imur fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor immedjatament. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jikkonformax, jew meta t-tluq immedjat taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika jew sigurtà nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jitolbu kooperazzjoni mill-Istati Membri l-oħra skont l-Artikolu 44 jew joħorġu deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 7.

4. Deċiżjoni ta' ritorn ma għandhiex tinħareġ f'każijiet fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli maħruġa minn Stat Membru ieħor. F'dan il-każ, għandha tapplika l-proċedura deskritta fl-Artikolu 9.

*Artikolu 9*

***Rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor***

1. L-Istat Membru fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qiegħed fil-pajjiż illegalment ("Stat Membru tal-infurzar") jista' jirrikonoxxi deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli maħruġa lil dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz minn Stat Membru ieħor ("Stat Membru emittenti") skont l-Artikolu 7(1), abbażi tal-Ordni Ewropea ta' Ritorn imsemmija fl-Artikolu 7(7), u fuq din il-bażi għandu jordna t-tneħħija skont l-Artikolu 12.

2. Sal-1 ta' Lulju 2027, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3, abbażi ta' valutazzjoni ta' jekk l-arranġamenti legali u tekniċi stabbiliti mill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli l-Ordni Ewropea ta'

Ritorn permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen imsemmija fl-Artikolu 7(7) humiex effettivi. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tagħha. Id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).

3. Mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni meħuda f'konformità mal-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu deċiżjonijiet ta' ritorn infurzabbli maħruġa minn Stati Membri oħra skont l-Artikolu 7(1) lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu preżenti illegalment fit-territorju tagħhom abbażi tal-Ordni Ewropea ta' Ritorn imsemmija fl-Artikolu 7(7), u għandhom jordnaw it-tneħħija tagħhom f'konformità mal-Artikolu 12.

4. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 3, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma jirrikonoxxix jew ma jinfurzax deċiżjoni ta' ritorn tal-Istat Membru emittenti fejn l-infurzar ikun manifestament kuntrarju għall-ordni pubbliku fl-Istat Membru tal-infurzar, jew fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitneħħa lejn pajjiż terz differenti minn dak indikat fid-deċiżjoni ta' ritorn tal-Istat Membru emittenti.

5. Fejn Stat Membru ma jirrikonoxxix jew ma jinfurzax deċiżjoni ta' ritorn skont il-paragrafu 1 jew 3, dak l-Istat Membru għandu joħroġ deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 7.

6. L-Istat Membru tal-infurzar għandu jissospendi l-infurzar tar-ritorn meta l-effetti tad-deċiżjoni ta' ritorn fl-Istat Membru emittenti jiġu sospiżi.

7. Fejn l-Istat Membru emittenti jirtira d-deċiżjoni ta' ritorn jew meta d-deċiżjoni ta' ritorn tiġi annullata minn awtorità ġudizzjarja, l-Istat Membru tal-infurzar għandu joħroġ deċiżjoni ta' ritorn li tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet tal-Artikolu 7.

8. L-Istat Membru emittenti għandu jipprovdi lill-Istat Membru tal-infurzar id-data u d-dokumenti kollha disponibbli li huma meħtieġa għall-fini tal-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1860 jew abbażi tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri skont l-Artikolu 38.

9. L-Istat Membru tal-infurzar jista' jitlob lill-Frontex tappoġġa l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Kapitolu II, it-Taqsima 8, tar-Regolament (UE) 2019/1896. Meta l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn ma jkunx appoġġat mill-Frontex, u fuq talba tal-Istat Membru tal-infurzar, l-Istat Membru emittenti għandu jikkumpensa lill-Istat Membru tal-infurzar b'ammont li ma għandux jaqbeż il-kostijiet reali mġarrba mill-Istat Membru tal-infurzar. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-kriterji xierqa għad-determinazzjoni tal-ammont u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).

10. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

## TAQSIMA 3
## PROJBIZZJONI FUQ ID-DĦUL

### *Artikolu 10*
### ***Ħruġ ta' projbizzjoni fuq id-dħul***

1. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul meta:

   a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12;

   b. ma jkunx hemm konformità mal-obbligu ta' ritorn fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 13;

   c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskju għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16.

2. F'każijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk deċiżjoni ta' ritorn għandhiex tkun akkumpanjata minn projbizzjoni fuq id-dħul, jew le, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti, b'mod partikolari l-livell ta' kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

3. Il-projbizzjoni fuq id-dħul għandha tinħareġ bħala parti mid-deċiżjoni ta' ritorn jew separatament bil-miktub. Għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu projbizzjoni fuq id-dħul mingħajr ma joħorġu deċiżjoni ta' ritorn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed joqgħod illegalment fit-territorju tal-Istati Membri u li s-soġġorn illegali tiegħu jiġi identifikat b'rabta mal-verifiki fuq il-fruntiera mwettqa mal-ħruġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, fejn ġustifikat abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet tad-difiża, u jiġi evitat kemm jista' jkun li jiġi pospost it-tluq taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joqogħdu lura milli joħorġu projbizzjoni fuq id-dħul f'każijiet individwali għal raġunijiet umanitarji jew jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jikkoopera kif xieraq mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż billi jirreġistra fi programm ta' ritorn u riintegrazzjoni.

6. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali għal massimu ta' 10 snin.

7. Id-durata tal-projbizzjoni fuq id-dħul skont il-paragrafu 6 jista' jiġi estiż b'perjodi suċċessivi ta' massimu ta' 5 snin. Din l-estensjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni individwali b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u b'mod partikolari kwalunkwe raġuni debitament sostanzjata tal-awtoritajiet kompetenti għaliex huwa meħtieġ li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jiġi pprevenut milli jidħol fit-territorju tal-Istati Membri.

8. Il-perjodu tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jibda mid-data li fiha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri.

*Artikolu 11*

***Irtirar, sospensjoni jew tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul***

1. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz:

   a. juri li huwa rritorna volontarjament f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn;

   b. ma kienx diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija fil-passat;

   c. ma jkunx daħal fit-territorju ta' Stat Membru waqt li projbizzjoni fuq id-dħul kienet għadha fis-seħħ.

2. Projbizzjoni fuq id-dħul tista' wkoll tiġi rtirata, sospiża jew id-durata tagħha mqassra f'każijiet individwali ġustifikati, inkluż għal raġunijiet umanitarji, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.

3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata l-possibbiltà li jitlob dan l-irtirar, din is-sospensjoni jew dan it-tqassir tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul.

## TAQSIMA 4
## INFURZAR TAR-RITORN

*Artikolu 12*

***Tneħħija***

1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn għandu jitneħħa meta:

   a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet matul il-proċess ta' ritorn;

   b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirriloka lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, inkluż matul il-perjodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 13;

   c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16;

   d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx telaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu joħorġu deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja separata bil-miktub li tordna t-tneħħija.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement b'referenza għall-pajjiż ta' ritorn. Huma jistgħu jserrħu fuq valutazzjoni bir-reqqa eżistenti taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha fl-istadji preċedenti tal-proċedura. Bidliet fiċ-ċirkostanzi u elementi ġodda li juru riskju għandhom jiġu eżaminati kif xieraq. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe element rilevanti li jirrigwarda ċ-ċirkostanzi personali tiegħu.

4. Il-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda biex tiġi żgurata t-tneħħija għandhom ikunu meħtieġa u proporzjonati u, fi kwalunkwe każ, ma għandhomx jaqbżu l-livell limitu ta' forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati f'konformità mad-dritt nazzjonali li filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

5. Fit-twettiq ta' tneħħijiet bl-ajru, l-Istati Membri għandhom iqisu l-linji gwida komuni dwar id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà għal tneħħijiet konġunti bl-ajru li huma stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE[47].

6. F'każijiet debitament ġustifikati u meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jikkoopera b'mod ċar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jindikaw data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw mill-qrib il-konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, inkluż billi jorganizzaw assistenza għat-trasport sal-punt rilevanti tat-tluq mill-Unjoni.

*Artikolu 13*

***Ritorn volontarju***

1. Meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12, id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tindika data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri u għandha tiddikjara l-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq qabel.

2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ddeterminata b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. Id-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq ma għandhiex taqbeż it-30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu perjodu itwal jew jestendu l-perjodu biex jitilqu mit-territorju tagħhom f'konformità mal-paragrafu 1 b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħar-rabtiet familjari, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola, il-parteċipazzjoni fi programm li jappoġġa r-ritorn u r-riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3) u l-konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21. Kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' tluq għandha tiġi pprovduta bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

4. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri sad-data determinata skont il-paragrafu 1. Jekk le, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun soġġett għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.

*Artikolu 14*

***Kundizzjonijiet għall-posponiment tat-tneħħija***

1. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 għandha tiġi posposta fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

   a. meta tikser il-prinċipju ta' non-refoulement; jew

   b. meta u sakemm tkun fis-seħħ is-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn f'konformità mal-Artikolu 28.

2. It-tneħħija skont l-Artikolu 12 tista' tiġi posposta għal perjodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.

[47] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti għal ordnijiet individwali ta' tneħħija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2004/573/oj).

3. Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitlob posponiment tat-tneħħija, it-talba għandha tiġi sostanzjata kif xieraq.

4. Meta jieħdu deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat konferma bil-miktub li tistabbilixxi l-perjodu ta' posponiment u d-drittijiet tiegħu matul dak il-perjodu.

5. Id-deċiżjoni li tiġi posposta t-tneħħija f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2 għandha tiġi rieżaminata regolarment, u mill-inqas kull 6 xhur.

6. Għandu jitqies dan li ġej fir-rigward tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul il-perjodi li għalihom it-tneħħija tkun ġiet posposta:

   a. il-ħtiġijiet bażiċi;

   b. l-unità tal-familja mal-membri tal-familja preżenti fit-territorju tal-Istat Membru;

   c. il-kura tas-saħħa ta' emerġenza u t-trattament essenzjali tal-mard;

   d. l-aċċess tal-minorenni għas-sistema tal-edukazzjoni bażika soġġett għat-tul tas-soġġorn tagħhom;

   e. il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli.

7. Jekk it-tneħħija tiġi posposta, il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 31 jistgħu jiġu applikati meta l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati.

*Artikolu 15*

***Monitoraġġ tat-tneħħija***

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija. L-Istati Membri għandhom jgħammru l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti b'mezzi xierqa.

2. Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jagħżel l-operazzjonijiet ta' tneħħija biex jimmonitorja abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju u jwettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-bażi ta' eżami dokumentarju u kontrolli fuq il-post li jistgħu ma jkunux imħabbra. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-korp ta' monitoraġġ minn qabel dwar l-operazzjonijiet ta' tneħħija li jkunu ġejjin u jiżguraw aċċess għall-postijiet rilevanti.

3. Allegazzjonijiet sostanzjati ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali matul l-operazzjonijiet ta' tneħħija għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità nazzjonali kompetenti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw dawn l-allegazzjonijiet b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 16*

***Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà***

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi meta:

   a. ikunu ta' theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali;

b. ikun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li jkunu wettqu reat kriminali serju kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA[48];

c. ikun hemm indikazzjonijiet ċari tal-intenzjoni tiegħu li jwettaq reat skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal tneħħija f'konformità mal-Artikolu 12.

3. B'deroga mid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu:

a. soġġetti għal projbizzjoni fuq id-dħul maħruġa f'konformità mal-Artikolu 10 li taqbeż id-durata massima msemmija fl-Artikolu 10(6) b'perjodu massimu addizzjonali ta' 10 snin;

b. Ikkalkulat skont l-Artikolu 29(3), il-punt (c);

c. miżmum fil-ħabsijiet u jinżamm separat mill-priġunieri ordinarji;

d. soġġett għal detenzjoni għal perjodu li jaqbeż it-tul massimu msemmi fl-Artikolu 32(3) u li jiġi ddeterminat minn awtorità ġudizzjarja li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali, u li jkun soġġett għal rieżami minn awtorità ġudizzjarja mill-inqas kull tliet xhur.

4. B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(2) u (3), l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa lil ċittadin ta' pajjiż terz li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandux jiġi sospiż sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.

*Artikolu 17*

***Ritorn lejn pajjiż li miegħu hemm ftehim jew arranġament***

1. Ir-ritorn skont it-tifsira tal-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, il-punt (3)(g) ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali jirrikjedi li jiġi konkluż ftehim jew arranġament ma' pajjiż terz. Dan il-ftehim jew l-arranġament jista' jiġi konkluż biss ma' pajjiż terz fejn l-istandards u l-prinċipji internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu rispettati.

2. Ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi dan li ġej:

a. il-proċeduri applikabbli għat-trasferiment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment mit-territorju tal-Istati Membri lejn il-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1;

b. il-kundizzjonijiet għas-soġġorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1, inklużi l-obbligi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Istat Membru u ta' dak il-pajjiż terz;

c. fejn applikabbli, il-modalitajiet ta' ritorn ulterjuri lejn il-pajjiż ta' oriġini jew lejn pajjiż ieħor fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiddeċiedi volontarjament li jirritorna, u l-konsegwenzi fil-każ fejn dan ma jkunx possibbli;

---

[48] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri - Dikjarazzjonijiet li saru minn ċerti Stati Membri dwar l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2002/584/oj).

d. l-obbligi tal-pajjiż terz imsemmi fit-tieni sentenza tal-paragrafu 1;

e. korp jew mekkaniżmu indipendenti għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew l-arranġament;

f. il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu f'każ ta' ksur tal-ftehim jew arranġament jew bidla sinifikanti li jkollha impatt avvers fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz.

3. Qabel ma jikkonkludu ftehim jew arranġament skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

4. Minorenni mhux akkumpanjati u familji b'minorenni ma għandhomx jiġu ritornati lejn pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 1.

## TAQSIMA 5
## RITORN TA' MINORENNI

*Artikolu 18*
***L-aħjar interess tat-tfal***

L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 19*
***Valutazzjoni tal-età tal-minorenni***

Meta, bħala riżultat ta' dikjarazzjonijiet miċ-ċittadin ta' pajjiż terz, evidenza dokumentarja disponibbli jew indikazzjonijiet rilevanti oħra, ikun hemm dubji dwar jekk huwiex minorenni jew le, l-awtorità kompetenti tista' twettaq valutazzjoni multidixxiplinari, inkluża valutazzjoni psikosoċjali, li għandha titwettaq minn professjonisti kwalifikati, biex tiġi ddeterminata l-età taċ-ċittadin ta' pajjiż terz. L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2024/1348 għandu japplika b'analoġija għal din il-valutazzjoni.

*Artikolu 20*
***Ritorn ta' minorenni mhux akkumpanjati***

1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni li tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjat, għandha tiġi pprovduta assistenza minn korpi xierqa għajr l-awtoritajiet li jinfurzaw ir-ritorn f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal.

2. Rappreżentant jew persuna mħarrġa biex tissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jinħatru biex jirrappreżentaw, jassistu u jaġixxu, kif applikabbli, f'isem minorenni mhux akkumpanjat fil-proċess ta' ritorn. Għandu jiġi żgurat li r-rappreżentant maħtur ikun imħarreġ kif xieraq f'komunikazzjoni adattata għat-tfal u adatta għall-età u li jkun jitkellem lingwa li l-minorenni jifhem. Dik il-persuna għandha tkun il-persuna ddeżinjata biex taġixxi bħala rappreżentant skont id-Direttiva (UE) 2024/1346 meta l-persuna tkun ġiet iddeżinjata f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dik id-Direttiva.

3. Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jinstema', direttament jew permezz tar-rappreżentant jew tal-persuna mħarrġa msemmija fil-paragrafu 2, inkluż fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal. Qabel ma jneħħu minorenni mhux akkumpanjat mit-territorju ta' Stat Membru, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu sodisfatti li se jiġi ritornat lil membru tal-familja tiegħu, tutur innominat jew faċilitajiet ta' akkoljenza adegwati fil-pajjiż ta' ritorn.

# Kapitolu III
# OBBLIGI TAĊ-ĊITTADIN TA' PAJJIŻI TERZ

*Artikolu 21*
***Obbligu ta' kooperazzjoni***

1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni u jikkonformaw mal-obbligu li jitilqu mit-territorju tal-Istati Membri. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar kwalunkwe bidla rilevanti fis-sitwazzjoni individwali tagħhom li tkun rilevanti għall-fini tal-Artikolu 5, mingħajr dewmien żejjed.
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom:
   a. jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti għall-proċedura ta' ritorn, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun is-suġġett għaliha, u ma jaħarbux lejn Stat Membru ieħor;
   b. jipprovdu, meta mitluba mill-awtoritajiet kompetenti u mingħajr dewmien żejjed, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni fiżika kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita jew ivverifikata l-identità jew inkella li tkun rilevanti fil-proċedura ta' ritorn u riammissjoni li jkollhom;
   c. ma jeqirdux jew inkella ma jiddisponux minn dawn id-dokumenti, ma jużawx psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, ma jipprovdu informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella ma jopponux b'mod frawdolenti l-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni;
   d. jipprovdu spjegazzjoni f'każ li ma jkollhomx dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar;
   e. jipprovdu informazzjoni dwar il-pajjiżi terzi ta' tranżitu;
   f. jipprovdu data bijometrika kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49];
   g. jipprovdu dettalji ta' kuntatt preċiżi, inkluż il-post ta' residenza attwali, l-indirizz, in-numru tat-telefown fejn jistgħu jintlaħqu u, fejn disponibbli, indirizz tal-posta elettronika;
   h. jipprovdu, mingħajr dewmien żejjed, informazzjoni dwar kwalunkwe bidla fid-dettalji ta' kuntatt imsemmija fil-punt (g);
   i. jibqgħu disponibbli f'konformità mal-Artikolu 23 matul il-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni, u b'mod partikolari jidhru għat-tluq għat-trasport għar-ritorn;

[49] Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika sabiex jiġu applikati b'mod effettiv ir-Regolamenti (UE) 2024/1351 u (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u sabiex jiġu identifikati ċittadini ta' pajjiż terz u persuni apolidi b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1358, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1358/oj).

j. jipprovdu l-informazzjoni u d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa fil-kuntest tat-talbiet ippreżentati lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi rilevanti għall-fini li jinkisbu dokumenti tal-ivvjaġġar u jikkooperaw ma' dawn l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, kif meħtieġ;

k. fejn ikun meħtieġ, jidhru personalment, jew meta jkun diffiċli, permezz ta' vidjokonferenza, quddiem l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ta' pajjiż terz fil-post indikat minn dawn l-awtoritajiet fejn ikun meħtieġ biex tiġi stabbilita n-nazzjonalità tagħhom;

l. fejn ikun meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti, jipparteċipaw fil-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni.

3. L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni fiżika jew, meta ma jkunux disponibbli, kopji tagħhom, imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom jinkludu b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u kwalunkwe dokumentazzjoni li jkollhom rigward:

a. isimhom, id-data u l-post tat-twelid, il-ġeneru u n-nazzjonalità jew in-nazzjonalitajiet tagħhom jew il-fatt li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwa apolidu;

b. il-membri tal-familja tagħhom u dettalji personali oħra taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jekk ikun rilevanti, għat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni jew għad-determinazzjoni tal-pajjiż ta' ritorn;

c. it-tip, l-għadd, il-perjodu ta' validità u l-pajjiż emittenti ta' kwalunkwe dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u dokumenti oħra pprovduti minnhom li l-awtorità kompetenti tqis rilevanti għall-finijiet tal-identifikazzjoni tagħhom, għat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u għad-determinazzjoni tal-pajjiż ta' ritorn;

d. kwalunkwe permess ta' residenza jew awtorizzazzjoni oħra li toffri liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dritt ta' soġġorn maħruġ minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz;

e. kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor;

f. pajjiż jew pajjiżi u post jew postijiet ta' residenza preċedenti, rotot tal-ivvjaġġar u dokumentazzjoni tal-ivvjaġġar.

4. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jżommu kwalunkwe dokument meħtieġ għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b), huma għandhom jiżguraw li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirċievi minnufih fotokopji jew, skont l-għażla tal-persuna, rekords elettroniċi tal-oriġinali. Fil-kuntest tar-ritorn skont l-Artikolu 13, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jew jagħtu lura tali dokumenti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz fil-ħin tat-tluq jew mal-wasla fil-pajjiż terz.

5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jaċċetta kwalunkwe komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, kemm jekk bit-telefon, bil-posta elettronika jew bil-posta, bl-użu tal-aktar dettalji ta' kuntatt reċenti indikati minnu stess lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-paragrafu 2, il-punti (g) u (h). L-Istati Membri għandhom jew jistabbilixxu fid-dritt nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistemi diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-Unjoni għall-fini ta' din il-komunikazzjoni.

6. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi mfittex jew l-oġġetti personali tiegħu jistgħu jiġu mfittxija, fejn dan ikun meħtieġ u debitament ġustifikat għall-fini tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni u mingħajr ma tiġi affettwata kwalunkwe tfittxija mwettqa għal

raġunijiet ta' sigurtà. Kwalunkwe tfittxija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika u tkun soġġetta għas-salvagwardji u r-rimedji previsti fid-dritt nazzjonali.

*Artikolu 22*
***Konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni***

F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k), l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jiġu imposti, wara valutazzjoni individwali, miżuri effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, minn dawn li ġejjin:

(1) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' ċerti benefiċċji u allowances mogħtija skont id-dritt tal-Istat Membru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati sakemm dan ma jwassalx għall-inkapaċità tal-persuni li jipprovdu l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom;

(2) ir-rifjut jew it-tnaqqis ta' inċentivi mogħtija biex jiġi promoss ir-ritorn volontarju f'konformità mal-Artikolu 13 jew assistenza mnaqqsa fi programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46(3);

(3) is-sekwestru ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar dment li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirċievi kopja;

(4) ir-rifjut jew l-irtirar tal-permess tax-xogħol, skont id-dritt nazzjonali;

(5) l-estensjoni tad-durata ta' projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 10(7);

(6) il-penali finanzjarji.

*Artikolu 23*
***Disponibbiltà għall-proċess ta' ritorn***

1. Biex jiġi żgurat ritorn rapidu, effiċjenti u effettiv, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom, għad-durata tal-proċedura ta' ritorn, ikunu soġġetti għal waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

   a. l-allokazzjoni għal żona ġeografika fit-territorju tal-Istat Membru li fih ikunu jistgħu jirrilokaw liberament;

   b. ir-residenza f'indirizz speċifiku;

   c. ir-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien speċifikat jew f'intervalli raġonevoli.

2. Il-paragrafu 1 għandu jiġi applikat biss sa fejn ikun kompatibbli mal-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal.

3. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess liċ-ċittadin ta' pajjiż terz biex:

   a. jitilqu temporanjament miż-żona ġeografika għal raġunijiet tal-familja urġenti u serji debitament ġustifikati jew għal trattament mediku meħtieġ li ma jkunx disponibbli fiż-żona ġeografika;

   b. jirrisjedu temporanjament barra mill-post iddeżinjat f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (b);

   c. temporanjament ma jikkonformawx mal-obbligu ta' rappurtar.

4. Id-deċiżjonijiet rigward il-permessi elenkati fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, għandhom jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali fuq il-merti tal-każ individwali u għandhom jingħataw raġunijiet jekk dan il-permess ma jingħatax.

5. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma għandux ikun meħtieġ jitlob permess biex jattendi appuntamenti mal-awtoritajiet u l-qrati jekk l-attendenza ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun meħtieġa. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-appuntamenti.

6. Id-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), għandhom isiru bil-miktub, ikunu proporzjonati u jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

# Kapitolu IV
# SALVAGWARDJI U RIMEDJI

## Taqsima 1
## Salvagwardji proċedurali

### *Artikolu 24*
### ***Dritt għall-informazzjoni***

1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-proċedura ta' ritorn għandhom jiġu infurmati mingħajr dewmien żejjed dwar dan li ġej:

   a. l-għan, id-durata u l-passi tal-proċedura ta' ritorn kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u l-limiti ta' żmien biex jintalbu dawk ir-rimedji;

   b. id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul il-proċedura ta' ritorn kif stabbilit fl-Artikolu 21 u l-Artikolu 23, il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità skont l-Artikolu 22, l-eżistenza ta' allert dwar ritorn fuq il-persuna fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 9;

   c. konsulenza u programmi ta' ritorn u riintegrazzjoni skont l-Artikolu 46;

   d. id-drittijiet u l-obbligi proċedurali tagħhom matul il-proċedura ta' ritorn f'konformità ma' dan ir-Regolament u d-dritt nazzjonali, b'mod partikolari d-dritt għal assistenza u rappreżentanza legali skont l-Artikolu 25.

2. L-informazzjoni pprovduta għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed b'lingwa sempliċi u aċċessibbli u b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li huwa raġonevolment mistenni li jifhem, inkluż permezz ta' traduzzjoni u interpretazzjoni bil-miktub jew orali kif meħtieġ. Dik l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta' folji ta' informazzjoni standard, f'forma stampata jew elettronika. Fil-każ ta' minuri, l-informazzjoni għandha tingħata b'mod imfassal apposta għat-tfal u adattat għall-età tagħhom bl-involviment tad-detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri jew tar-rappreżentant kif imsemmi fl-Artikolu 20(2). Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jingħata l-opportunità li jikkonferma li jkun/tkun irċieva/iet l-informazzjoni.

*Artikolu 25*

***Assistenza legali u rappreżentazzjoni legali:***

1. Fil-każ ta' appell jew rieżami quddiem awtorità ġudizzjarja f'konformità mal-Artikolu 27, l-Istati Membri għandhom, fuq talba taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jiżguraw li jsiru disponibbli assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas kif meħtieġ biex jiġi żgurat id-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust.
2. Minorenni mhux akkumpanjati għandhom awtomatikament jingħataw assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas.
3. L-assistenza u r-rappreżentanza legali għandhom jikkonsistu fit-tħejjija tal-appell jew tat-talba għal rieżami, inkluż, mill-inqas, it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa skont id-dritt nazzjonali u, fil-każ ta' seduta ta' smigħ, il-parteċipazzjoni f'dik is-seduta quddiem awtorità ġudizzjarja biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tad-difiża. Din l-assistenza ma għandha taffettwa l-ebda assistenza prevista skont ir-Regolament (UE) 2024/1348.
4. L-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandhom jiġu pprovduti minn konsulenti legali jew persuni oħra kwalifikati kif xieraq, kif ammess jew permess skont iid-dritt nazzjonali, li l-interessi tagħhom ma jkunux f'kunflitt jew ma jistgħux potenzjalment ikunu f'kunflitt ma' dawk taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.
5. L-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura ta' appell tista' tiġi eskluża mill-Istati Membri meta:
   a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jitqies li għandu biżżejjed riżorsi biex jagħti assistenza u rappreżentanza legali bl-ispejjeż rispettivi tiegħu;
   b. ikun ikkunsidrat li l-appell ma jkollu l-ebda prospett tanġibbli ta' suċċess jew ikun abbużiv;
   c. l-appell jew ir-rieżami jkun fit-tieni livell ta' appell jew ogħla, kif previst skont id-dritt nazzjonali, inklużi seduti ta' smigħ mill-ġdid jew rieżamijiet tal-appell;
   d. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun diġà assistit jew rappreżentat minn konsulent legali.
6. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandu jiżvela s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu.
7. Bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe assistenza pprovduta lil minorenni mhux akkumpanjati, u f'konformità mar-rispett tal-essenza tad-dritt għal rimedju effettiv, l-Istati Membri jistgħu:
   a. jimponu limiti monetarji jew ta' żmien fuq l-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas, dment li dawn il-limiti ma jkunux arbitrarji u ma jirrestringux bla bżonn l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas u lanqas ma jimminaw l-eżerċizzju tad-dritt tad-difiża;
   b. jitolbu rimborż totali jew parzjali ta' kwalunkwe kost imġarrab meta s-sitwazzjoni finanzjarja taċ-ċittadin ta' pajjiż terz tkun tjiebet matul il-proċedura ta' ritorn jew meta d-deċiżjoni li tingħata assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas tkun ittieħdet fuq il-bażi ta' informazzjoni falza pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz;
   c. jipprevedu li, fir-rigward ta' tariffi u kostijiet u rimborżi oħra, it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkun ugwali għal, iżda mhux aktar favorevoli mit-trattament ġeneralment mogħti liċ-ċittadini tagħhom fi kwistjonijiet relatati mal-assistenza legali.

8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli proċedurali speċifiċi li jirregolaw il-mod li bih it-talbiet għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas jiġu ppreżentati u pproċessati, jew japplikaw regoli eżistenti għal talbiet domestiċi ta' natura simili, dment li dawk ir-regoli ma jrendux l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas eċċessivament diffiċli jew impossibbli.

9. Meta deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas tittieħed minn awtorità li mhijiex awtorità ġudizzjarja għar-raġuni li l-appell jitqies li ma għandu l-ebda prospett tanġibbli ta' suċċess jew li huwa abbużiv, l-applikant għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem awtorità ġudizzjarja kontra dik id-deċiżjoni. Għal dak il-fini, l-applikant għandu jkun intitolat li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas.

10. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva f'konformità mad-dritt nazzjonali.

## TAQSIMA 2
## RIMEDJI

### *Artikolu 26*
### ***Id-dritt għal rimedju effettiv***

1. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jingħata rimedju effettiv biex jikkontesta d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, l-Artikolu 10 u l-Artikolu 12(2) quddiem awtorità ġudizzjarja kompetenti.

2. Ir-rimedju effettiv għandu jipprevedi eżaminazzjoni sħiħa u *ex nunc* kemm tal-punti tal-fatti kif ukoll tal-punti tad-dritt.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konformità mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' non-refoulement tiġi vverifikata mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti, fuq it-talba taċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew *ex officio*.

### *Artikolu 27*
### ***Appell quddiem awtorità ġudizzjarja kompetenti***

1. Għall-fini li jiġi żgurat id-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 26, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fid-dritt nazzjonali tagħhom limiti ta' żmien raġonevoli għall-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-prima istanza biex teżamina d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, l-Artikolu 10 u l-Artikolu 12(2), li jipprevedu eżaminazzjoni adegwata u kompleta tal-appell. Il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' appell quddiem awtorità ġudizzjarja tal-prima istanza ma għandux jaqbeż l-14-il jum.

2. Il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibdew jiddekorru mid-data meta kwalunkwe waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, l-Artikolu 10 u l-Artikolu 12(2) tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, jew minn data oħra li għandha tiġi ddeterminata mid-dritt nazzjonali, notevolment meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun ħarab.

3. Fejn deċiżjoni ta' ritorn tkun ibbażata fuq, jew tinħareġ fl-istess att bħal deċiżjoni li tirrifjuta jew ittemm is-soġġorn legali, il-limiti ta' żmien għall-appell tad-deċiżjoni ta' ritorn jistgħu jkunu dawk stabbiliti fid-dritt nazzjonali għall-appell ta' deċiżjoni li ttemm jew tirrifjuta soġġorn legali.

4. Meta tinħareġ projbizzjoni fuq id-dħul flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn kif imsemmi fl-Artikolu 7, din għandha tiġi appellata flimkien ma' dik id-deċiżjoni ta' ritorn, quddiem l-istess awtorità ġudizzjarja u fl-istess proċediment ġudizzjarju u fl-istess limiti ta' żmien. Meta projbizzjoni fuq id-dħul tinħareġ separatament mid-deċiżjoni ta' ritorn jew tkun l-unika deċiżjoni li għandha tiġi kkontestata, din tista' tiġi appellata separatament. Il-limiti ta' żmien biex jitressaq dan il-proċedimenti ġudizzjarji separati għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti f'każ fejn il-projbizzjoni fuq id-dħul tiġi appellata flimkien mad-deċiżjoni ta' ritorn.

5. Meta d-dokumenti ma jiġux ippreżentati fi żmien xieraq, kif iddeterminat mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti, fil-każ li t-traduzzjoni jkollha tiġi pprovduta mill-applikant, jew meta d-dokumenti ma jiġux ippreżentati fil-ħin biex l-awtorità ġudizzjarja tiżgura li jiġu tradotti fil-każ li t-traduzzjoni tkun żgurata mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti, l-awtorità ġudizzjarja tista' tirrifjuta li tqis dawk id-dokumenti.

*Artikolu 28*

***Effett sospensiv***

1. L-infurzar tad-deċiżjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 7, l-Artikolu 10 u l-Artikolu 12(2), għandu jiġi sospiż sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien li fih ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem awtorità ġudizzjarja tal-prima istanza msemmija fl-Artikolu 27.

2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jingħataw id-dritt li jippreżentaw applikazzjoni għas-sospensjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien li fih jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv quddiem awtorità ġudizzjarja tal-prima istanza msemmija fl-Artikolu 27. Awtorità ġudizzjarja għandu jkollha s-setgħa li tiddeċiedi, wara eżaminazzjoni kemm tal-fatti kif ukoll tal-punti tad-dritt, jekk l-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn għandux jiġi sospiż sakemm joħroġ l-eżitu tar-rimedju. L-infurzar tad-deċiżjoni ta' ritorn għandu jiġi sospiż fejn ikun hemm riskju ta' ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.

3. Meta jiġi ppreżentat appell ulterjuri kontra l-ewwel deċiżjoni dwar l-appell jew dik sussegwenti, l-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn ma għandux jiġi sospiż sakemm iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jitlobx sospensjoni u awtorità ġudizzjarja kompetenti ma tiddeċidix li tagħtiha, b'kont meħud kif xieraq taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.

4. Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għas-sospensjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni ta' ritorn għandha tittieħed fi żmien 48 siegħa. F'każijiet li jinvolvu kwistjonijiet kumplessi ta' fatt jew ta' dritt, dan il-limitu ta' żmien jista' jinqabeż.

# Kapitolu V
# PREVENZJONI TA' ĦARBA U DETENZJONI

*Artikolu 29*

***Raġunijiet għad-detenzjoni***

1. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz skont dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ u biss sa fejn id-detenzjoni tkun proporzjonata.

2. L-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni biss ċittadin ta' pajjiż terz għall-fini tat-tħejjija tar-ritorn jew it-twettiq tat-tneħħija.

3. Ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi detenut biss abbażi ta' waħda jew aktar mir-raġunijiet għad-detenzjoni li ġejjin:

   a. jkun hemm riskju ta' ħarba li jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 30;

   b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija;.

   c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta riskji għas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 16.

   d. biex tiġi determinata jew ivverifikata l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu;

   e. nuqqas ta' konformità mal-miżuri ordnati skont l-Artikolu 31.

4. Dawk ir-raġunijiet ta' detenzjoni għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

5. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata permezz ta' deċiżjoni bil-miktub li tagħti r-raġunijiet fil-fatt u fil-liġi li fuqhom hija bbażata kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' raġonevolment jiġi preżunt li jifhem.

6. Meta jżommu ċittadin ta' pajjiż terz skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu kwalunkwe sinjal, dikjarazzjoni jew imġiba viżibbli relatata ma', jew magħmula jew murija miċ-ċittadin ta' pajjiż terz li tindika li huwa persuna vulnerabbli.

*Artikolu 30*

***Riskju ta' ħarba***

1. Hemm riskju ta' ħarba f'każ individwali, sakemm ma jintweriex mod ieħor, meta jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin:

   a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun irriloka mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' Stati Membri oħra, inkluż wara tranżitu minn pajjiż terz, jew jipprova jagħmel dan;

   b. iiċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun soġġett għal deċiżjoni ta' ritorn jew deċiżjoni ta' infurzar maħruġa minn Stat Membru għajr dak li fit-territorju tiegħu l-persuna tkun attwalment qiegħda fil-pajjiż illegalment, inkluż kif identifikat permezz tal-allerti mdaħħla fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament (UE) 2018/1860;

   c. nuqqas ta' konformità mal-miżuri skont l-Artikolu 23.

2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1, ir-riskju ta' ħarba għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali u fejn jiġi ssodisfat wieħed mill-kriterji li ġejjin rigward iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat:

   a. nuqqas ta' residenza, residenza fissa jew indirizz affidabbli;

   b. espressjoni espliċita ta' intenzjoni ta' nuqqas ta' konformità ma' miżuri relatati mar-ritorn applikati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, jew azzjonijiet li juru b'mod ċar l-intenzjoni li ma jkunux jikkonformaw ma' dawk il-miżuri;

   c. nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' deċiżjoni ta' ritorn sad-data sa meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikolu 13;

d. nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-istadji kollha tal-proċeduri skont dan ir-Regolament, kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punti (a) sa (k);

e. meta t-tluq ikun imminenti u jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz għandu l-intenzjoni li jikser l-obbligu ta' kooperazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21(2), il-punt (l);

f. l-użu ta' dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar, permessi ta' residenza jew viżi foloz jew falsifikati, jew dokumenti li jiġġustifikaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, il-qerda jew inkella t-tneħħija ta' dawn id-dokumenti, l-użu ta' psewdonimi b'intenzjoni frawdolenti, l-għoti ta' informazzjoni falza oħra f'forma orali jew bil-miktub, jew inkella l-oppożizzjoni frawdolenti tal-proċedura ta' ritorn jew riammissjoni;

g. l-oppożizzjoni tal-proċedura ta' ritorn b'mod vjolenti;

h. id-dħul mill-ġdid fl-Unjoni bi ksur ta' projbizzjoni valida fuq id-dħul.

*Artikolu 31*

***Alternattivi għad-detenzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri alternattivi għad-detenzjoni fid-dritt nazzjonali. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ordnati filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, inkluż kwalunkwe vulnerabbiltà, u jkunu proporzjonati mal-livell tar-riskju ta' ħarba vvalutat f'konformità mal-Artikolu 30.

2. Għal dik il-fini, l-Istati Membri għandhom jipprevedu kwalunkwe waħda mill-miżuri li ġejjin:

   a. l-obbligu li jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet kompetenti bi frekwenza ta' mhux aktar minn tlett ijiem, abbażi taċ-ċirkostanzi individwali;

   b. l-obbligu li d-dokumenti tal-identità jew tal-ivvjaġġar jiġu kkonsenjati lill-awtoritajiet kompetenti;

   c. l-obbligu ta' residenza f'post iddeżinjat mill-awtoritajiet kompetenti;

   d. depożitu ta' garanzija finanzjarja adegwata;

   e. l-użu ta' monitoraġġ elettroniku, inklużi garanziji u proċeduri previsti skont id-dritt nazzjonali.

3. Deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddikjara r-raġunijiet rilevanti fil-fatt u fil-liġi.

4. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu notifikati dwar kwalunkwe deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u għandhom jiġu infurmati dwar il-konsegwenza tan-nuqqas ta' konformità ma' dik id-deċiżjoni, inkluż skont l-Artikolu 29(3), il-punt (e), u r-rimedji legali msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jiġu rieżaminati malajr minn awtorità ġudizzjarja fuq applikazzjoni mill-persuna kkonċernata jew *ex officio*, u mhux aktar tard minn xahrejn.

*Artikolu 32*
***Perjodu ta' detenzjoni***

1. Id-detenzjoni għandha tinżamm għal perjodu qasir kemm jista' jkun u sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29 jiġu ssodisfati u jkun meħtieġ li jiġi żgurat ritorn b'suċċess.
2. Meta jkun jidher li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29 ma għadhomx jiġu ssodisfati, id-detenzjoni ma għandhiex tibqa' ġustifikata u ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jiġi rilaxxat. Dan ir-rilaxx ma għandux jipprekludi l-applikazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tar-riskju ta' ħarba f'konformità mal-Artikolu 31.
3. Id-detenzjoni ma għandhiex taqbeż it-12-il xahar fi Stat Membru partikolari. Id-detenzjoni tista' tiġi estiża għal perjodu li ma jaqbiżx 12-il xahar oħra fi Stat Membru partikolari fejn il-proċedura ta' ritorn x'aktarx li ddum aktar minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, jew dewmien fil-ksib tad-dokumentazzjoni meħtieġa minn pajjiżi terzi.
4. L-iskadenza tal-perjodu massimu ta' detenzjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' miżuri f'konformità mal-Artikolu 31.

*Artikolu 33*
***Rieżami tal-ordnijiet ta' detenzjoni***

1. Id-detenzjoni għandha tiġi rieżaminata f'intervalli regolari ta' żmien u mill-inqas kull 3 xhur jew fuq applikazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jew *ex officio*.
2. Id-detenzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati għandha tiġi rieżaminata *ex officio* f'intervalli regolari ta' żmien u mill-inqas kull tliet xhur.
3. Meta d-detenzjoni tkun ġiet ordnata jew estiża minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fatti, l-evidenza u l-osservazzjonijiet rilevanti kollha ppreżentati matul il-proċedimenti jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, billi jipprevedu li:
   a. kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tad-detenzjoni jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tad-detenzjoni, u mhux aktar tard minn 15-il jum wara; jew
   b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jingħata d-dritt li jibda proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, li għandu jiġi konkluż malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti, u mhux aktar tard minn 15 jum wara. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih, mal-mument tad-detenzjoni, jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.

*Artikolu 34*
***Kundizzjonijiet għad-detenzjoni***

1. Id-detenzjoni għandha titwettaq, bħala regola, f'faċilitajiet speċjalizzati, inklużi dawk f'fergħat iddedikati ta' faċilitajiet oħra. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprevedi detenzjoni f'dawn il-faċilitajiet u jkun obbligat li jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jinżammu separati mill-priġunieri ordinarji.
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti għandu jkollhom aċċess għal spazju fil-beraħ.

3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'detenzjoni għandhom jitħallew, fuq talba, jistabbilixxu kuntatt fi żmien xieraq ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti.

4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil, u akkomodazzjoni speċjali prevista, għall-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli detenuti. Għandhom jiġu pprovduti kura tas-saħħa ta' emerġenza u trattament essenzjali tal-mard liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi detenuti.

5. Ir-rappreżentanti legali, il-membri tal-familja, l-awtoritajiet konsulari kompetenti u l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti għandu jkollhom il-possibbiltà li jżuru kwalunkwe faċilità ta' detenzjoni u jikkomunikaw maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jżuruhom f'kundizzjonijiet li jkunu jirrispettaw il-privatezza. Dawn iż-żjarat jistgħu jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni.

6. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'detenzjoni għandhom jiġu pprovduti bil-miktub informazzjoni li tispjega r-regoli applikati fil-faċilità u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom b'lingwaġġ sempliċi u intelliġibbli u b'lingwa li jifhmu. Din l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-intitolament tagħhom skont id-dritt nazzjonali li jikkuntattjaw lill-persuni jew l-korpi msemmija fil-paragrafi 3 u 5.

### *Artikolu 35*
### ***Kundizzjonijiet għad-detenzjoni ta' minorenni u familji***

1. Il-minorenni mhux akkumpanjati u l-familji b'minorenni għandhom jiġu detenuti biss bħala miżura tal-aħħar istanza u għall-iqsar perjodu ta' żmien xieraq u b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.

2. Il-familji u l-minorenni mhux akkumpanjati detenuti bi tħejjija għar-ritorn għandhom jiġu pprovduti akkomodazzjoni separata li tiggarantixxi privatezza adegwata. Il-persunal għandu jkun imħarreġ b'mod adegwat, u l-faċilitajiet għandhom jiġu adattati biex iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni tal-età tagħhom u tal-ġeneru tagħhom, inklużi l-iġjene, l-ikel, is-servizzi tas-saħħa u infrastruttura oħra xierqa.

3. Il-minorenni f'detenzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jkunu involuti f'attivitajiet ta' divertiment, inkluż logħob u attivitajiet ta' rikreazzjoni xierqa għall-età tagħhom, u għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni fil-format l-aktar xieraq għat-tul tad-detenzjoni tagħhom.

# Kapitolu VI
# RIAMMISSJONI

### *Artikolu 36*
### ***Proċedura ta' riammissjoni***

1. Mal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' ritorn infurzabbli u minkejja l-Artikolu 28, l-awtoritajiet kompetenti, bl-appoġġ tal-Frontex fejn applikabbli, għandhom sistematikament u mingħajr dewmien żejjed jibdew il-proċedura ta' riammissjoni.

2. Meta jkun meħtieġ li jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreżentaw applikazzjoni tar- riammissjoni. Din l-applikazzjoni tar-riammissjoni għandha tinkludi, kif rilevanti, talba għal konferma tan-nazzjonalità u talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar. L-applikazzjonijiet tar-riammissjoni għandhom jiġu ppreżentati mingħajr dewmien u fejn ikun possibbli bl-użu ta' formola standard skont il-paragrafu 6.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippreżentaw it-talba għal dokument tal-ivvjaġġar separatament fejn ikun preferibbli għal raġunijiet legali jew operazzjonali, inkluż minħabba d-durata tal-validità tad-dokument tal-ivvjaġġar li għandu jinħareġ u n-nuqqas ta' disponibbiltà taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirċievi d-dokument tal-ivvjaġġar immedjatament wara l-konferma tan-nazzjonalità. Fejn applikabbli, id-dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn għandu jintuża f'konformità mal-istrument ta' riammissjoni applikabbli u r-Regolament (UE) 2016/1953[50].

4. L-informazzjoni dwar l-eżitu tat-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u d-dokument tal-ivvjaġġar miksub għandha tittella' fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-awtorità kompetenti kkonċernata. Din l-informazzjoni u d-dokument tal-ivvjaġġar għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fuq talba.

5. L-Istati Membri jistgħu jidħlu f'arranġamenti xierqa għall-fini li jiffaċilitaw l-organizzazzjoni ta' intervisti ta' identifikazzjoni fi Stat Membru ieħor, inkluż għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 44.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49(2) sabiex tiddetermina l-formola standard li għandha tintuża biex jiġu ppreżentati (check t/out) l-applikazzjonijiet tar-riammissjoni (check t/out) msemmija fil-paragrafu 2. Din il-formola standard għandha tistabbilixxi:

   a. il-format għall-applikazzjonijiet tar-riammissjoni;

   b. l-elementi ta' applikazzjoni tar-riammissjoni inkluża t-talba għal konferma tan-nazzjonalità u t-talba għall-ħruġ ta' dokument tal-ivvjaġġar.

7. Il-proċedura ta' riammissjoni f'pajjiżi terzi għandha tkun appoġġata minn uffiċjali ta' kollegament tal-Unjoni għar-ritorn iddedikati, li jkunu ffinanzjati mill-Unjoni. Dawn l-uffiċjali ta' kollegament għandhom ikunu parti mill-istruttura tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u għandhom jikkoordinaw mill-qrib mal-Kummissjoni fil-kisba tal-prijoritajiet ta' politika rilevanti tal-Unjoni.

### *Artikolu 37*
### ***Komunikazzjoni ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti***

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw, kif meħtieġ, ma' entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux rikonoxxuti li jkunu responsabbli għal pass wieħed jew aktar tal-proċedura ta' riammissjoni.

2. Din il-komunikazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ għat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni u ma għandhiex tammonta għal rikonoxximent diplomatiku tal-entitajiet ikkonċernati.

[50] Ir-Regolament (UE) 2016/1953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istabbiliment ta' dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u li jħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1994 (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1953/oj).

# Kapitolu VII
# KONDIVIŻJONI U TRASFERIMENT TA' DATA PERSONALI

*Artikolu 38*
***Kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri***

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-mezzi xierqa kollha ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni biex jimplimentaw dan ir-Regolament.

2. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jitwettaq fuq it-talba ta' Stat Membru u jista' jitwettaq biss bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lil xulxin, fuq talba, informazzjoni rigward persuna fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-fini tat-twettiq tal-proċedura ta' ritorn, il-proċedura ta' riammissjoni u l-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.

4. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 tkun tista' tiġi skambjata permezz tas-Sistemi ta' Informazzjoni tal-UE msemmija fil-punt 15 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[51] jew permezz ta' informazzjoni supplimentari f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1860, din l-informazzjoni għandha tiġi skambjata biss permezz ta' dawk il-mezzi.

5. Id-data mitluba għandha tkun adegwata, rilevanti, preċiża, limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-fini intenzjonata u għandha tistabbilixxi r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.

6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandha tinkludi b'mod partikolari:

   a. informazzjoni meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u, fejn applikabbli, l-identità tal-membri tal-familja tiegħu, qraba u kwalunkwe relazzjoni oħra tal-familja, b'mod partikolari l-kunjom(ijiet); l-isem/ismijiet; fejn xieraq, l-isem/ismijiet preċedenti u l-isem/ismijiet ieħor/oħrajn (psewdonimu/i); id-data, il-post u l-pajjiż tat-twelid; is-sess;

   b. informazzjoni relatata mad-data bijometrika meħuda taċ-ċittadin ta' pajjiż terz f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1358, b'mod partikolari l-immaġni(jiet) tal-wiċċ; id-data dattiloskopika; id-data li fiha tkun ittieħdet id-data bijometrika; in-numru ta' referenza tal-Eurodac użat mill-Istat Membru ta' oriġini;

   c. informazzjoni relatata man-nazzjonalità u d-dokument(i) tal-ivvjaġġar taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, b'mod partikolari n-nazzjonalità/nazzjonalitajiet attwali u n-nazzjonalità/nazzjonalitajiet preċedenti; it-tip, l-għadd u l-pajjiż tal-ħruġ (tad-dokument/i tal-ivvjaġġar; id-data tal-ħruġ u d-data tal-iskadenza tad-dokument/i tal-ivvjaġġar;

   d. informazzjoni relatata mal-postijiet ta' residenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, ir-rotot ivvjaġġati, il-lingwi mitkellma u d-dettalji ta' kuntatt (l-indirizz(i) tal-posta elettronika u n-numru/i tat-telefown);

---

[51] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/oj).

e. informazzjoni dwar id-dokumenti ta' residenza jew l-viżi maħruġa minn Stat Membru jew pajjiż terz;

f. informazzjoni relatata mal-operazzjoni ta' ritorn taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, b'mod partikolari dwar id-dettalji tat-titjira; arranġamenti oħra tal-ivvjaġġar; indikazzjoni ta' jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex persuna partikolarment perikoluża li teħtieġ arranġamenti speċifiċi matul l-operazzjoni ta' ritorn; informazzjoni relatata mal-iskorta;

g. informazzjoni relatata mar-riintegrazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, b'mod partikolari l-kompożizzjoni tal-familja, l-istat ċivili, l-informazzjoni ta' kuntatt tal-membri tal-familja fil-pajjiż tar-ritorn, l-esperjenza tax-xogħol, il-livell tal-edukazzjoni, id-diplomi;

h. ir-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni ta' ritorn meħuda fir-rigward taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

i. informazzjoni dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġiex detenut jew jekk ġewx applikati alternattivi għad-detenzjoni għall-individwu;

j. informazzjoni relatata mar-rekords kriminali jew relatata mat-theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-sigurtà nazzjonali ppreżentata miċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

k. informazzjoni dwar il-vulnerabbiltà, is-saħħa u l-ħtiġijiet mediċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz.

7. L-Istat Membru mitlub għandu jkun obbligat li jwieġeb malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn tliet ġimgħat.

8. L-informazzjoni skambjata tista' tintuża biss għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. F'kull Stat Membru, din l-informazzjoni tista', skont it-tip tagħha u s-setgħat tal-awtorità riċevitriċi, tiġi kkomunikata biss lill-awtoritajiet jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji fdati bil-proċedura ta' ritorn, il-proċedura ta' riammissjoni jew l-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.

*Artikolu 39*

***Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riammissjoni u riintegrazzjoni***

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a) sa (h) tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni.

2. Mngħajr preġudizzju għall-Artikoli 40 u 41, id-data msemmija fl-Artikolu 38(6), il-punti (a), (c), (f) u (g), tista' tiġi pproċessata u ttrasferita minn awtorità kompetenti, u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' partijiet terzi kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni dment li dan ikun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni.

3. L-Istati Membri u l-Frontex li jittrasferixxu data personali skont il-paragrafu 1 jew 2 għandhom jiżguraw li dawn it-trasferimenti jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725, rispettivament.

4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 jew 2, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment u l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur.

*Artikolu 40*

***Trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi relatata ma' kundanni kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riammissjoni u riintegrazzjoni***

1. Id-data relatata ma' kundanna kriminali waħda jew aktar ta' ċittadin ta' pajjiż terz tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lil awtorità kompetenti ta' pajjiż terz meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat fil-25 sena preċedenti b'reat terroristiku jew fil-15-il sena preċedenti ta' kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52] jekk ikun punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;

   b. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni msemmija fl-Artikolu 36;

   c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz għall-fini tat-twettiq tal-proċedura ta' riammissjoni;

   d. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex, ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement;

   e. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex, ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser l-Artikolu 50 tal-Karta.

2. Id-data relatata ma' kundanna kriminali waħda jew aktar ta' ċittadin ta' pajjiż terz tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lil parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   a. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie kkundannat fil-25 sena preċedenti b'reat terroristiku jew fil-15-il sena preċedenti bi kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-Anness għar-Regolament (UE) 2018/1240 jekk ikun punibbli b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu

[52] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj).

massimu ta' mill-inqas tliet snin skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-kundanna;

b. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza mfassla apposta u mhux finanzjarja għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46;

c. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni għall-finijiet li tiġi pprovduta assistenza mfassla apposta u mhux finanzjarja għar-riintegrazzjoni;

d. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement.

3. L-Istati Membri u l-Frontex li jittrasferixxu data personali skont il-paragrafu 1 jew 2 għandhom jiżguraw li dawn it-trasferimenti jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725, rispettivament.

4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 jew 2, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat (u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment, l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur, il-ġustifikazzjoni li t-trasferiment jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jew 2 u d-data personali ttrasferita.

*Artikolu 41*

***Trasferiment ta' data dwar is-saħħa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn pajjiżi terzi għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn u r-riintegrazzjoni***

1. Id-data rigward l-assistenza medika li għandha tiġi pprovduta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi matul l-operazzjoni ta' ritorn tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex, lill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   a. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;

   b. iiċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet ta' pajjiż terz għall-finijiet tat-twettiq tal-operazzjoni ta' ritorn;

   c. qabel it-trasferiment, l-awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, il-Frontex ikunu sodisfatti li t-trasferiment tad-data ma jirriskjax li jikser il-prinċipju ta' non-refoulement.

2. Id-data rigward is-saħħa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi tista' tiġi pproċessata u ttrasferita f'każijiet individwali minn awtorità kompetenti u, fejn applikabbli, mill-Frontex lil parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   a. it-trasferiment tad-data jkun meħtieġ għall-finijiet tal-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni msemmija fl-Artikolu 46 li tkun imfassla għall-ħtiġijiet mediċi taċ-ċittadin ta' pajjiż terz;

b. iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li d-data personali tiegħu tiġi ttrasferita jkun ġie infurmat li d-data personali tiegħu tista' tiġi kondiviża ma' parti terza kompetenti għall-assistenza għar-riintegrazzjoni, sabiex din l-assistenza tiġi imfassla apposta għall-ħtiġijiet mediċi tiegħu, u jkun ta l-kunsens tiegħu għal dan it-trasferiment.

3. L-Istati Membri u l-Frontex li jittrasferixxu data personali skont il-paragrafu 1 jew 2 għandhom jiżguraw li dawn it-trasferimenti jikkonformaw mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2018/1725, rispettivament.

4. Meta trasferiment isir skont il-paragrafu 1 jew 2, dan it-trasferiment għandu jiġi dokumentat (u d-dokumentazzjoni għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtorità superviżorja kompetenti stabbilita f'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725, inklużi d-data u l-ħin tat-trasferiment, l-informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz riċevitur, il-ġustifikazzjoni li t-trasferiment jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jew 2 u d-data personali ttrasferita.

# Kapitolu VIII
# SISTEMA KOMUNI GĦAR-RITORNI

*Artikolu 42*

***Komponenti ta' sistema komuni għar-ritorni***

1. Sistema komuni għar-ritorni skont dan ir-Regolament għandha tikkonsisti minn:

   a. proċedura komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn fl-Unjoni, inkluża proċedura komuni għar-riammissjoni bħala parti integrali minnha;

   b. sistema ta' rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn fost l-Istati Membri;

   c. ir-riżorsi meħtieġa u biżżejjed persunal kompetenti fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż għad-detenzjoni;

   d. sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

   e. kooperazzjoni bejn l-Istati Membri;

   f. korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni li jappoġġaw skont l-Artikolu 43(4) u f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.

2. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jidentifikaw prijoritajiet komuni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni u jiżguraw is-segwitu meħtieġ, filwaqt li jqisu l-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni adottata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1351, il-valutazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Istati Membri dwar ir-riammissjoni f'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53] u l-istrumenti

[53] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).

ta' riammissjoni tal-Unjoni u kwalunkwe strument ieħor tal-Unjoni rilevanti għall-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni leali u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, kif ukoll sinerġija bejn il-komponenti interni u esterni, filwaqt li jqisu l-interess kondiviż tagħhom fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.

*Artikolu 43*
***Awtoritajiet kompetenti u riżorsi***

1. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja, f'konformità mad-dritt nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-issodisfar tal-obbligi li jirriżultaw skont dan ir-Regolament.
2. Kull Stat Membru għandu jalloka r-riżorsi meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż persunal imħarreġ kif xieraq li jkun irċieva gwida biex jissodisfa l-obbligi tiegħu stabbiliti f'dan ir-Regolament.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' detenzjoni filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet reali u r-ritorni mistennija fit-12-il xahar li ġejjin, b'mod partikolari għall-fini ta' sistemi mħejjija sew u ppjanar ta' kontinġenza skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2024/1351.
4. L-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 44 u l-persunal rilevanti tal-Aġenziji tal-Unjoni, inkluż f'konformità mal-Artikolu 45.

*Artikolu 44*
***Kooperazzoni bejn l-Istati Membri***

1. Il-kooperazzjoni u l-assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 43 għandhom jitwettqu għall-fini li:
   a. ikun permess li t-tranżitu mit-territorju tagħhom jassisti li deċiżjoni ta' ritorn ta' Stat Membru ieħor tkun tista' tiġi osservata jew li jinkisbu dokumenti tal-ivvjaġġar;
   b. tingħata assistenza loġistika, finanzjarja jew materjali jew *in natura* oħra;
   c. jitmexxa jew jiġi appoġġat id-djalogu ta' politika u l-iskambji mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għall-fini li tiġi ffaċilitata r-riammissjoni;
   d. isir kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għall-fini tal-verifika tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-kisba ta' dokument tal-ivvjaġġar validu;
   e. jiġi organizzat, f'isem l-Istat Membru li qed jagħmel it-talba, l-arranġament prattiku għall-infurzar tar-ritorn;
   f. jiġi ffaċilitat it-trasferiment imsemmi fl-Artikolu 8(1), il-punt (b);
   g. jiġi appoġġat it-tluq ta' ċittadin ta' pajjiż terz lejn l-Istat Membru li fih ikollu d-dritt li jibqa' f'konformità mal-Artikolu 8(1), l-ewwel subparagrafu.

*Artikolu 45*
***Appoġġ mill-Frontex***

1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jiġu assistiti minn esperti sallokati jew appoġġati mill-Frontex, inklużi uffiċjali ta' kollegament għar-ritorn u uffiċjali ta' kollegament oħra, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896.
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-Frontex fir-rigward tal-ħtiġijiet ippjanati għall-appoġġ mill-Frontex għall-fini tal-ippjanar meħtieġ tal-appoġġ mill-Aġenzija f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni, l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) 2024/1349, l-Istrateġija Ewropea dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni kont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/1351 u l-prijoritajiet fil-kuntest tal-valutazzjoni regolari tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni skont l-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 810/2009.

*Artikolu 46*
***Appoġġ għar-ritorn u r-riintegrazzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu strutturi ta' konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi informazzjoni u gwida dwar l-opzjonijiet għar-ritorn u r-riintegrazzjoni, inklużi l-programmi msemmija fil-paragrafu 3, kmieni kemm jista' jkun fil-proċess ta' ritorn. Il-konsulenza dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tista' tiġi kkombinata ma' konsulenza oħra fil-kuntest ta' proċeduri oħra ta' migrazzjoni fl-Istat Membru.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar ir-ritorn u r-riintegrazzjoni tiġi pprovduta wkoll qabel ma tinħareġ id-deċiżjoni ta' ritorn, b'mod partikolari meta jkun applikabbli l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2024/1348.
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-appoġġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni u għandhom, bħala regola ġenerali, jagħmlu użu mill-programmi pprovduti mill-Unjoni. Il-programmi nazzjonali u l-assistenza għar-riintegrazzjoni pprovduta mill-Unjoni għandhom jikkonsistu f'assistenza jew inċentivi loġistiċi, finanzjarji u materjali jew *in natura* oħra, inkluża assistenza għar-riintegrazzjoni fil-pajjiż ta' ritorn, mogħtija lil ċittadin ta' pajjiż terz.
4. L-assistenza għar-riintegrazzjoni ma għandhiex tkun dritt individwali u ma għandhiex tikkostitwixxi prerekwiżit għall-proċedura ta' riammissjoni.
5. L-assistenza pprovduta permezz tal-programmi għar-ritorn u r-riintegrazzjoni għandha tirrifletti l-livell ta' kooperazzjoni u konformità taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u tista' tonqos matul iż-żmien. Il-kriterji li ġejjin għandhom jitqiesu meta jiġu ddeterminati t-tip u l-firxa tal-assistenza għar-ritorn u r-riintegrazzjoni fejn applikabbli:
   a. il-kooperazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat matul il-proċedura ta' ritorn u riammissjoni, kif previst fl-Artikolu 21;
   b. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikunx qed jirritorna volontarjament, jew ikunx soġġett għal tneħħija;
   c. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex ċittadin ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2018/1806;
   d. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ġiex ikkundannat għal reat kriminali;

e. jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandux ħtiġijiet speċifiċi minħabba li jkun persuna vulnerabbli, minorenni, minorenni mhux akkumpanjat jew parti minn familja.

6. L-assistenza msemmija f'dan l-Artikolu ma għandhiex tingħata lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà bbenefikaw minn appoġġ ieħor jew mill-istess appoġġ ipprovdut minn Stat Membru jew mill-Unjoni. L-Unjoni, l-Istati Membri u l-Frontex għandhom jiżguraw il-koerenza u l-koordinazzjoni dwar l-assistenza għar-riintegrazzjoni.

# Kapitolu IX
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 47*
***Sitwazzjonijiet ta' emerġenza***

1. F'sitwazzjonijiet fejn għadd eċċezzjonalment kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu rritornati jkun ta' piż kbir mhux previst fuq il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' detenzjoni ta' Stat Membru jew fuq il-persunal amministrattiv jew ġudizzjarju tiegħu, dan l-Istat Membru jista', sakemm is-sitwazzjoni eċċezzjonali tippersisti, jiddeċiedi li jippermetti perijodi għal stħarriġ ġudizzjarju li jkunu itwal minn dawk previsti fl-Artikolu 33(3) u li jieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni li jidderogaw minn dawk stabbiliti fl-Artikoli 34(1) u 35(2).

2. Meta jirrikorri għal dawn il-miżuri eċċezzjonali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Huwa għandu wkoll jinforma lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri eċċezzjonali ma jkunux għadhom jeżistu.

3. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mill-obbligu ġenerali tagħhom li jieħdu l-miżuri xierqa kollha, kemm jekk ġenerali kif ukoll partikolari, biex jiżguraw l-issodisfar tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 48*
***Statistika***

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni (Eurostat) fuq bażi trimestrali d-data li ġejja:

   a. l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn rikonoxxuti maħruġa minn Stat Membru ieħor;

   b. l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal miżuri alternattivi għad-detenzjoni;

   c. l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal detenzjoni.

2. Id-data kkomunikata għandha tiġi diżaggregata skont l-età, is-sess u ċ-ċittadinanza. Id-data għandha tkun relatata mal-perjodu ta' referenza ta' trimestru wieħed. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) data għal tliet xhur kalendarji li jikkostitwixxu trimestru wieħed fi żmien xahrejn mit-tmiem ta' kull trimestru. L-

[54] Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/862/oj).

ewwel perjodu ta' referenza għandu jkun [it-tieni trimestru wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Frontex fuq bażi ta' kull xahar id-data li ġejja, kif ukoll is-settijiet tad-data korrispondenti, fir-rigward ta' kull pajjiż terz:

   a. l-għadd ta' applikazzjonijiet tar-riammissjoni ppreżentati;

   b. l-għadd ta' talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità u l-għadd ta' tweġibiet pożittivi u negattivi riċevuti rigward it-talbiet għall-konferma tan-nazzjonalità;

   c. l-għadd ta' talbiet għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, l-għadd ta' dokumenti tal-ivvjaġġar maħruġa mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz u l-għadd ta' tweġibiet negattivi rigward it-talba ta' dokumenti tal-ivvjaġġar;

   d. l-għadd ta' benefiċjarji tal-assistenza għar-riintegrazzjoni mqassma skont il-pajjiż terz.

   Il-Frontex għandha tagħti lill-Kummissjoni aċċess għad-data msemmija f'dan il-paragrafu.

4. Id-data msemmija fil-paragrafi 1 u 3, diżaggregata skont l-Istat Membru, tista' tiġi kkomunikata lil pajjiżi terzi għall-finijiet ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' riammissjoni, u l-konformità miegħu, inkluż fil-qafas tal-istrumenti ta' riammissjoni tal-Unjoni.

*Artikolu 49*

***Proċedura tal-kumitat***

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 50*

***Rappurtar***

1. Sa [data] u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u għandha, fejn xieraq, tipproponi emendi.

2. L-Istati Membri għandhom, fuq talba tal-Kummissjoni, jibagħtulha l-informazzjoni meħtieġa għat-tfassil tar-rapport tagħha mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien.

*Artikolu 51*

***Tħassir***

1. Id-Direttiva 2008/115/KE hija mħassra għall-Istati Membri li huma marbuta b'dan ir-Regolament. Id-Direttiva 2001/40/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE jitħassru b'effett mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(2) għall-Istati Membri marbuta b'dan ir-Regolament.

2. Ir-referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

*Artikolu 52*

***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

DIKJARAZZJONI LEGALI, FINANZJARJA U DIĠITALI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..... 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ..... 3
1.3. Objettiv(i) ..... 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ..... 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..... 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ..... 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ..... 3
1.4. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma': ..... 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ..... 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ..... 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività akbar jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ..... 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ..... 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ..... 5
1.5.5. Valutazzjoni tal-opzjonijiet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ..... 5
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ..... 6
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanati ..... 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..... 8
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar ..... 8
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ..... 8
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ..... 8
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ..... 8
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati mmaniġġjati), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-pagament jew fl-għeluq) ..... 8
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ..... 9
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ..... 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ..... 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ..... 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ..... 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ..... 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ..... 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ..... 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ..... 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ..... 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet ..... 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani ..... 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ..... 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern ..... 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani ..... 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali ..... 28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ..... 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ..... 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ..... 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI ..... 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali ..... 30
4.2. Data ..... 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ..... 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ..... 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ..... 32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni Ewropea.

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Migrazzjoni

### 1.3. Objettiv(i)

*1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

L-objettiv ġenerali ta' din il-proposta huwa li żżid l-effiċjenza tal-proċess ta' ritorn billi tipprovdi lill-Istati Membri b'regoli ċari, moderni, simplifikati u komuni għall-ġestjoni effettiva tar-ritorni u tagħmel il-proċess aktar ċar kemm għall-awtoritajiet kompetenti kif ukoll għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

*1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Objettiv speċifiku Nru 1

Jinħoloq approċċ aktar unifikat fost ir-regoli tal-Istati Membri dwar ir-ritorni, jingħelbu prattiki diverġenti billi tiġi stabbilita sistema komuni tal-UE għar-ritorni u jiġi evitat li r-regoli dwar ir-ritorn ikunu jistgħu jiġu evitati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Objettiv speċifiku Nru 2

Tiġi simplifikata l-proċedura ta' ritorn, ir-regoli dwar ir-ritorn isiru faċli u effiċjenti biex jiġu applikati, filwaqt li tittejjeb iċ-ċarezza, inkluż dwar is-salvagwardji proċedurali.

Objettiv speċifiku Nru 3

Tiġi inċentivata l-kooperazzjoni miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati permezz ta' kombinament ta' obbligi, inċentivi għall-kooperazzjoni u konsegwenzi għan-nuqqas ta' kooperazzjoni.

*1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Arkitettura legali mtejba mfassla biex tħaffef u tissimplifika l-proċessi ta' ritorn filwaqt li tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali. Il-proposta tfittex li ssaħħaħ l-effiċjenza proċedurali permezz ta' regoli komuni u li tintroduċi simplifikazzjoni proċedurali, u tiffaċilita r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stati Membri oħra, filwaqt li trawwem koerenza u ċarezza akbar fl-implimentazzjoni. Hija mistennija li tħaffef il-proċess ta' ritorn b'riżultat aħħari ta' żieda fl-għadd ta' ritorni.

Ir-Regolament TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni Ewropea jwieġeb għas-sejħiet politiċi għal approċċ ġdid għall-ġestjoni tar-ritorni fl-UE.

Se jiżgura li novitajiet ewlenin bħall-obbligu ta' kooperazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju ta' ħarba, id-detenzjoni u l-alternattivi għad-detenzjoni jiġu indirizzati b'mod koerenti fl-Istati Membri kollha. Filwaqt li fit-terminu qasir dan se jirrikjedi adattament fil-prattiki ta' xi Stati Membri, huwa mistenni titjib sinifikanti fl-effiċjenza matul iż-żmien b'ċarezza aħjar tar-regoli.

L-inizjattiva tipprevedi li l-elementi ewlenin tad-deċiżjonijiet ta' ritorn tal-Istati Membri għandhom jiddaħħlu f'forma komuni msejħa "Ordni Ewropea ta' Ritorn" biex tappoġġa r-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ta' ritorn u tibgħat sinjal qawwi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati movimenti sekondarji.

L-obbligi imposti fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi se jkunu koerenti fl-Istati Membri kollha li se jgħinu biex jiġu indirizzati xi wħud mid-distorsjonijiet fis-sistema attwali fejn id-differenzi bejn l-Istati Membri qed jiġu sfruttati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi. Ir-Regolament huwa mistenni li jkun il-bażi għal sistema ta' ritorn aktar konġunta fil-livell tal-UE, applikabbli direttament u indirizzat lill-Istati Membri, l-Unjoni, l-Aġenziji u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-proposta se tiffaċilita użu aħjar u aktar konġunt u strateġiku tal-appoġġ mill-Frontex dwar ir-ritorn, pereżempju, fil-kuntest ta' operazzjonijiet konġunti ta' ritorn. L-inizjattiva tistabbilixxi approċċ proċedurali komuni għall-preżentazzjoni ta' talbiet għar-riammissjoni u żżid it-trasparenza u l-koordinazzjoni fl-approċċ lejn pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni. Il-proposta tintroduċi l-possibbiltà ta' formola standard ta' applikazzjoni tar-riammissjoni, li tispeċifika l-format u l-elementi essenzjali ta' applikazzjoni tar-riammissjoni, notevolment it-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u t-talba għall-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar. Dan se jrawwem approċċ ta' kooperazzjoni koeżiv għall-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iffaċilitar, u se jiffaċilita u jtejjeb il-kwalità tal-ġbir tad-data, filwaqt li jipprovdi evidenza aħjar għat-teħid ta' deċiżjonijiet. Ir-Regolament għandu l-għan li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Patt. Dan se jirrikonċilja l-ħtieġa għal regoli komuni tal-UE dwar ir-ritorn u l-għoti ta' ċertu livell ta' flessibbiltà lill-Istati Membri. Se jippermetti li l-aġġustamenti jkunu adattati għar-realtajiet nazzjonali u l-kuntesti nazzjonali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligu ta' kooperazzjoni, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni, l-għażla u l-modalitajiet ta' alternattivi għad-detenzjoni u l-aspetti proċedurali tal-proċess, inkluż l-appell.

Din il-proposta tirrispetta bis-sħiħ id-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti, id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, kif ukoll il-protezzjoni f'każ ta' tneħħija notevolment il-prinċipju ta' *non-refoulement*, in-nondiskriminazzjoni u d-dritt għal rimedju effettiv.

Id-dritt għal-libertà u l-libertà tal-moviment huwa protett, peress li d-detenzjoni hija ġustifikata biss għal raġunijiet speċifiċi definiti b'mod ċar fir-Regolament. Ir-Regolament jinkwadra wkoll l-użu ta' alternattivi għad-detenzjoni, filwaqt li jżomm f'moħħu li alternattivi għad-detenzjoni huma inqas invażivi mid-detenzjoni iżda madankollu jinvolvu restrizzjonijiet tal-libertà.

Dan ir-Regolament jipprevedi li l-ħtiġijiet ta' persuni vulnerabbli, inklużi l-minorenni, għandhom jitqiesu kif xieraq fil-proċess ta' ritorn. Dan ir-Regolament jiggarantixxi li l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu ta' kunsiderazzjoni primarja meta jiġi applikat dan ir-Regolament. Regoli speċjali japplikaw għall-minorenni fil-proċess ta' ritorn, speċjalment fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni. Barra minn hekk, xi wħud min-novitajiet ewlenin miġjuba mil-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-

Patt, notevolment fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-età tal-minorenni u l-prattika tal-ħatra ta' rappreżentant biex jakkumpanja minorenni mhux akkumpanjat,issa qed jiġu introdotti wkoll għall-proċedura ta' ritorn permezz ta' dan ir-Regolament.

*1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Sa [data] u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri.

L-indikaturi prinċipali li ġejjin se jippermettu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tal-objettivi speċifiċi.

*Objettiv speċifiku Nru 1: Jinħoloq approċċ aktar unifikat fost ir-regoli tal-Istati Membri dwar ir-ritorni, jingħelbu prattiki diverġenti u l-ħtieġa għall-interpretazzjoni billi tiġi stabbilita sistema komuni tal-UE għar-ritorni u jiġi evitat li r-regoli dwar ir-ritorn ikunu jistgħu jiġu evitati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi.*

- l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn rikonoxxuti maħruġa minn Stat Membru ieħor;

- is-sehem annwali tal-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn mir-ritorn totali mill-operazzjonijiet charter organizzati bl-assistenza tal-Frontex.

*Objettiv speċifiku Nru 2: Tiġi razzjonalizzata l-proċedura ta' ritorn, ir-regoli dwar ir-ritorn isiru faċli u effiċjenti biex jiġu applikati, filwaqt li jiġu aġġornati u mtejba d-definizzjonijiet u tiġi pprovduta aktar ċarezza, inkluż fejn jidħlu s-salvagwardji proċedurali.*

data statistika dwar rati ta' ritorn miżjuda.

*Objettiv speċifiku Nru 3: Tiġi inċentivata l-kooperazzjoni miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati permezz ta' kombinament ta' obbligi, inċentivi għall-kooperazzjoni u konsegwenzi għan-nuqqas ta' kooperazzjoni.*

- data annwali dwar ir-ritorni effettivi (diżaggregazzjoni skont il-forzi furzati u volontarji)

- l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal miżuri alternattivi għad-detenzjoni;

- l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal detenzjoni.

**1.4. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':**

■ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja[55]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

[55] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Wara l-adozzjoni tal-proposta mill-koleġiżlaturi (mira potenzjali fl-2026), it-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva leġiżlattiva teirrikjedi miżuri tekniċi u proċedurali fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, li jenħtieġ li jibdew meta l-leġiżlazzjoni tidħol fis-seħħ.

L-implimentazzjoni tar-Regolament se tirrikjedi l-adozzjoni ta' żewġ atti ta' implimentazzjoni fi żmien 3 sa 6-il xahar mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament - wieħed biex tiġi stabbilita formola komuni għall-Ordni Ewropea ta' Ritorn u wieħed biex tiġi stabbilita l-formola standard li għandha tintuża biex jiġu ppreżentati applikazzjonijiet tar-riammissjoni.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Frontex l-informazzjoni meħtieġa dwar il-ħtiġijiet ippjanati għall-appoġġ biex jiżguraw li l-Frontex tkun tista' tippjana l-appoġġ tagħha b'mod strateġiku.

Ir-riżorsi rilevanti tal-Frontex – b'mod partikolari r-riżorsi umani u finanzjarji – għandhom jiżdiedu matul iż-żmien f'konformità mat-tisħiħ tal-mandat u ż-żieda fid-domanda għall-appoġġ dwar ir-ritorni. Wara d-dħul fis-seħħ, l-implimentazzjoni tal-attivitajiet se tiġi mnedija fi kronoloġija gradwali, biex tiġi segwita ż-żieda gradwali mistennija fid-domandi fuq is-servizzi u l-attivitajiet tal-Frontex, kif ukoll iż-żmien meħtieġ għall-assorbiment ta' riżorsi ġodda.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività akbar jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur li kieku kellu jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*)

Ir-ritorn sikur u dinjituż ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt ta' soġġorn huwa element essenzjali tal-approċċ komprensiv tal-UE għall-ażil u l-migrazzjoni. Ir-ritorn effettiv huwa kruċjali biex tinżamm il-kredibbiltà tal-politiki dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Fil-livell tal-UE, il-politika dwar ir-ritorn hija rregolata mid-Direttiva 2008/115/KE[56] (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar ir-Ritorn"). Bosta sfidi attwalment jimminaw l-effiċjenza u l-effettività tar-ritorn, li jvarjaw minn proċeduri ineffiċjenti fil-livell nazzjonali sa kooperazzjoni insuffiċjenti minn pajjiżi terzi fir-riammissjoni taċ-ċittadini tagħhom. Minkejja sforzi sostanzjali fil-livell politiku u operazzjonali, fil-preżent, ir-ritorn huwa ferm inqas minn livell sodisfaċenti ta' implimentazzjoni: madwar 20 % biss taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ordnati jitilqu mill-Unjoni fil-fatt jaitilqu.

Dan ir-Regolament ifittex li jgħammar lill-Istati Membri kollha bi proċeduri effiċjenti u bla xkiel u li jevita li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jirrilokaw bejn l-Istati Membri għall-fini li jfixklu l-proċess ta' ritorn.

[56] Id-Direttiva 2008/115/KE dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment

Il-proċeduri l-ġodda jkunu rregolati mill-istess regoli, irrispettivament mill-Istat Membru li japplikahom, biex tiġi żgurata l-effiċjenza tagħhom kif ukoll biex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali għall-individwu.

L-Istati Membri ma jistgħux jistabbilixxu individwalment regoli komuni biex inaqqsu l-inċentivi għal movimenti mhux awtorizzati bejniethom. Għalhekk, l-objettivi ta' din il-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. F'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni trid għalhekk taġixxi u tista' tadotta miżuri.

Valur miżjud tal-UE ġġenerat mistenni (*ex post*)

Il-Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-Unjoni Ewropea se twieġeb għas-sejħiet politiċi għal approċċ ġdid għall-ġestjoni tar-ritorni fl-UE.

Hija tippreżenta qafas legali mtejjeb li jaġġorna l-leġiżlazzjoni dwar ir-ritorn li tmur lura għall-2008, jallinjaha mal-iżviluppi li saru fil-qasam tal-migrazzjoni, inkluż il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u jagħmilha adattata għall-ħtiġijiet u l-isfidi tal-lum. Hija tfittex li ġġib simplifikazzjoni u ssaħħaħ l-effiċjenza tal-proċess ta' ritorn filwaqt li tiżgura aderenza sħiħa mad-drittijiet fundamentali, u b'hekk tirrinforza l-impenn tal-UE għal politika dwar il-migrazzjoni bbilanċjata u kredibbli. Il-proposta tfittex li tgħammar lill-Istati Membri bl-għodod meħtieġa biex jiżguraw ritorni effettivi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt legali ta' soġġorn fl-Unjoni, bl-użu sħiħ tal-opportunitajiet ta' kooperazzjoni fil-livell tal-UE._Is-salvagwardji minimi għad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi affettwati jkunu armonizzati wkoll, filwaqt li jħeġġu fiduċja reċiproka akbar fis-sistemi ta' ritorn tal-Istati Membri. Id-drittijiet fundamentali tal-persuni ripatrijati huma salvagwardjati permezz ta' salvagwardji proċedurali ċari, filwaqt li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet ta' ritorn ikunu soġġetti għal skrutinju, inkluż id-dritt ta' appell u l-iżgurar tar-rispett tal-prinċipju ta' nonrefulement, b'attenzjoni xierqa għall-persuni vulnerabbli u l-aħjar interessi tat-tfal. Il-proposta hija mistennija li tħaffef il-proċess ta' ritorn b'riżultat aħħari ta' żieda fl-għadd ta' ritorni.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Mill-adozzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn fl-2008, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni raw riforma kbira, li nbidlet mill-istabbiliment ta' standards minimi għat-tisħiħ tal-koerenza u l-prattika operazzjonali fl-UE. Bi tweġiba għal dan, proposta tal-2018 biex tiġi riveduta d-Direttiva dwar ir-Ritorn[57] fittxet aġġornamenti tal-qafas legali u titjib fl-effiċjenza. Madankollu, filwaqt li l-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali fl-2019[58], id-

[57] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (riformulazzjoni), COM/2018/634 final

[58] Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2019), Politika dwar il-Migrazzjoni: Il-Kunsill Jaqbel dwar il-Pożizzjoni Parzjali ta' Negozjar rigward id-Direttiva dwar ir-Ritorn,

diskussjonijiet interni fil-Parlament Ewropew ma wasslux għal pożizzjoni maqbula[59] u n-negozjati baqgħu weqfin matul il-biċċa l-kbira tal-aħħar mandat tal-Kummissjoni.

F'Settembru 2020, il-Kummissjoni pproponiet il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[60]. Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Patt huwa l-istabbiliment ta' sistema komuni tal-UE għar-ritorni li tiżgura ritorni effettivi b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali. Fl-14 ta' Mejju 2024 ġiet adottata l-leġiżlazzjoni dwar il-Patt. Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Patt huwa l-istabbiliment ta' sistema komuni tal-UE għar-ritorni li tiżgura ritorni effettivi b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali.

### 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2024 stieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta ġdida dwar ir-ritorni bħala kwistjoni ta' urġenza.

Il-Linji Gwida Politiċi 2024-2029 tal-President von der Leyen ħabbret il-preżentazzjoni ta' proposta leġiżlattiva ġdida dwar ir-ritorni.

Il-proposta ssegwi l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil li rrikonoxxa r-ritorni bħala parti essenzjali mill-approċċ komprensiv għall-migrazzjoni.

L-investiment meħtieġ fil-livell tal-UE u fil-livell tal-Istati Membri huwa kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. L-investimenti meħtieġa fil-livell tal-UE u fil-livell tal-Istati Membri huma eliġibbli taħt il-Fondi għall-Migrazzjoni u l-Ażil (AMIF) matul il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027. Il-finanzjament lil hinn mis-sena 2027 se jaqa' taħt in-negozjati tal-QFP li jmiss.

### 1.5.5. *Valutazzjoni tal-opzjonijiet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Fi ħdan il-QFP attwali, l-investiment meħtieġ fil-livell tal-Istati Membri jista' jiġi ssodisfat permezz ta' riallokazzjoni fi ħdan il-programm AMIF eżistenti. Il-kostijiet li jkopru l-perjodu wara l-2027 huma indikattivi u ma jippreġudikawx il-baġit disponibbli għall-inizjattiva taħt il-QFP futur. Madankollu, il-proposta se toħloq ukoll sinerġiji mal-attivitajiet tal-aġenziji tal-Unjoni, notevolment mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. F'dawn l-aħħar snin, ix-xejra kienet lejn tkabbir esponenzjali fuq id-domanda mill-Istati Membri dwar l-assistenza mill-Frontex dwar ir-ritorni, li wassal għal rinforzi baġitarji annwali ogħla mil-livelli inizjalment ipprogrammati. Peress li l-proposta se tintroduċi tisħiħ importanti tal-livell ta' attivitajiet tal-Frontex fil-qasam tar-ritorn, jeħtieġ li l-proposta tkun appoġġata minn rinforzi finanzjarji u umani. L-approprjazzjonijiet meħtieġa għall-finanzjament ta' dan it-tisħiħ ma ġewx ippjanati taħt l-allokazzjoni tal-QFP tal-Frontex, peress li din hija proposta ġdida li għaliha l-ammonti ma kinux magħrufa fiż-żmien tal-proposta. Qed jiġi propost li jiġi rinfurzat il-baġit għar-ritorn tal-

https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2019/06/07/migration-policy-council-agrees-partial-negotiating-position-on-return-directive/

59 Il-Parlament Ewropew, Proposta għal Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn, Skeda Leġiżlattiva tal-Ferroviji, il-Parlament Ewropew, Brussell, https://www.europarl.europa.eu/legislative-train/theme-a-new-era-for-european-defence-and-security/file-proposal-for-a-recast-of-the-return-directive

60 Il-Kummissjoni Ewropea (2020), Il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell, https://home-affairs.ec.europa.eu/policies/migration-and-asylum/pact-migration-and-asylum_mt.

| |
|---|
| Frontex, jekk ikun meħtieġ, fl-2025, l-2026 u l-2027 billi jiġu allokati riżorsi internament fil-baġit tal-Frontex skont il-konsum reali. Il-finanzjament lil hinn mis-sena 2027 se jaqa' taħt in-negozjati tal-QFP li jmiss. |

**1.6 Durata tal-proposta/inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

⊟ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

**1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanati[61]**

⊟ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

⊟ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

⊟ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi ddeżinjati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ⊟ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sal-punt li dawn il-korpi jkunu kkontrollati minn korpi rregolati

[61] Id-dettalji tal-metodi tal-implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

bil-liġi pubblika jew minn korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jingħataw garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-implimentazzjoni u l-funzjonament tar-Regolament jiġu rieżaminati u evalwati perjodikament permezz tar-rappurtar.

Fuq il-bażi tal-istatistika u tal-informazzjoni miġbura mill-proċessi strutturati u mill-mekkaniżmi ta' trasparenza previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, u mbagħad kull ħames snin wara dan. Il-Kummissjoni tirrapporta dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-finanzjament implimentat taħt il-ġestjoni diretta u indiretta se jiġi implimentat taħt il-Faċilità Tematika AMF, li taqa' wkoll taħt il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ġenerali tal-AMF. Se jiġu stabbiliti mudelli u regoli ssimplifikati sabiex jinġabru indikaturi mill-benefiċjarji tal-ftehimiet ta' għotja u kontribuzzjoni bl-istess pass bħal dak għall-ġestjoni kondiviża, sabiex tiġi żgurata d-divulgazzjoni ta' data komparabbli. Meta l-kontribuzzjoni tal-Unjoni tiġi pprovduta permezz ta' ġestjoni kondiviża, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin: Il-finanzjament implimentat mill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża se jsegwi r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-24 ta' Ġunju 2021, imsejjaħ aktar bħala r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, fir-Regolament (UE) 2018/2016 (Regolament Finanzjarju) u fir-Regolament (UE) 2021/1147 tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, imsejjaħ aktar bħala r-Regolament dwar l-AMIF. F'konformità mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, kull Stat Membru diġà stabbilixxa sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-programm tiegħu biex jiżgura l-kwalità u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ. Għalhekk, għal ġestjoni kondiviża, hemm fis-seħħ qafas ta' rappurtar, monitoraġġ u evalwazzjoni koerenti u effiċjenti. L-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu kumitat ta' monitoraġġ li fih tista' tipparteċipa l-Kummissjoni f'kapaċità konsultattiva. Il-kumitati ta' monitoraġġ se jevalwaw il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress tal-programm lejn l-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Għall-fondi tal-affarijiet interni, l-Istati Membri jippreżentaw lill-Kummissjoni r-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni tagħhom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm u l-progress fl-ilħuq tal-objettivi intermedji u tal-miri. Jenħtieġ ukoll li dawn ir-rapporti jqajmu kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-programm u jiddeskrivu l-azzjoni meħuda biex jiġu indirizzati.

Fir-rigward tal-Frontex, il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-proposta se jsegwu l-prinċipji deskritti fir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta[62], ir-Regolament Finanzjarju[63] u f'konformità mal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta trid tibgħat notevolment kull sena lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-

[62] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624

[63] Il-Europol: https://www.europol.europa.eu/sites/default/files/documents/decision_of_the_europol_management_board_on_the_adoption_of_the_financial_regulation_applicable_to_europol_.pdf

Kunsill Dokument Uniku ta' Programmazzjoni li jkun fih programmi ta' ħidma pluriennali u annwali u programmazzjoni tar-riżorsi. Id-Dokument jistabbilixxi l-objettivi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-ilħuq tal-objettivi u r-riżultati. Il-Frontex trid tippreżenta wkoll Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat lill-bord maniġerjali. Dan ir-rapport notevolment jinkludi informazzjoni dwar l-ilħuq tal-objettivi u r-riżultati stabbiliti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni. Ir-rapport irid jintbagħat ukoll lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

## 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-istrateġija ta' kontroll se tkun ibbażata fuq ir-Regolament Finanzjarju u fuq ir-Regolament dwar il-Proċeduri Komuni. Għall-parti implimentata permezz ta' ġestjoni diretta u indiretta taħt il-faċilità tematika, is-sistema ta' ġestjoni u kontroll se tibni fuq l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-QFP attwali.

Għall-ġestjoni kondiviża, ir-Regolament dwar il-Proċeduri Komuni jibni fuq l-istrateġija ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 iżda jintroduċi xi miżuri mmirati lejn is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni u t-tnaqqis tal-piż tal-kontroll fil-livell kemm tal-benefiċjarji kif ukoll tal-Istati Membri.

Parti minn din il-proposta se tiġi implimentata permezz tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, permezz ta' ġestjoni indiretta.

Skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandu jiġi implimentat f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effiċjenti. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta hija għalhekk marbuta li timplimenta strateġija ta' kontroll xierqa li hija kkoordinata fost l-atturi xierqa involuti fil-katina ta' kontroll.

Fir-rigward tal-kontrolli *ex post*, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, bħala aġenzija deċentralizzata, hija soġġetta notevolment għal:

- awditu intern mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni;

- rapporti annwali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li jipprovdu dikjarazzjoni ta' aċċertament dwar l-affidabilità tal-kontijiet annwali u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti;

- kwittanza annwali mogħtija mill-Parlament Ewropew;

- investigazzjonijiet possibbli mwettqa mill-OLAF biex jiġi żgurat, b'mod partikolari, li r-riżorsi allokati lill-aġenziji jintużaw kif suppost.

Bħala DĠ sieħeb għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, id-DĠ HOME se jimplimenta l-Istrateġija ta' Kontroll tiegħu dwar l-aġenziji deċentralizzati biex jiżgura rappurtar affidabbli fil-qafas tar-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tiegħu. Filwaqt li l-aġenziji deċentralizzati għandhom responsabbiltà sħiħa għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom, id-DĠ HOME huwa responsabbli għall-pagament regolari tal-kontribuzzjonijiet annwali stabbiliti mill-Awtoritajiet Baġitarji tal-UE.

Fl-aħħar nett, l-Ombudsman Ewropew jipprovdi saff ieħor ta' kontroll u obbligu ta' rendikont fl-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Għall-parti tal-ġestjoni kondiviża, ir-riskji ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi attwali jikrrigwardaw is-sottoimplimentazzjoni tal-Fond mill-Istati Membri u l-iżbalji possibbli derivati mill-kumplessità tar-regoli u d-dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. L-abbozz tas-CPR jissimplifika l-qafas regolatorju billi jarmonizza r-regoli u s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fil-Fondi differenti implimentati taħt ġestjoni kondiviża. Huwa jissimplifika wkoll ir-rekwiżiti ta' kontroll (eż. il-verifiki ta' ġestjoni bbażati fuq ir-riskju, il-possibbiltà għal arranġamenti ta' kontroll proporzjonati bbażati fuq proċeduri nazzjonali, il-limitazzjonijiet tax-xogħol tal-awditjar f'termini ta' twaqqit u/jew operazzjonijiet speċifiċi).

Għall-baġit implimentat mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, huwa meħtieġ Qafas ta' Kontroll Intern speċifiku bbażat fuq il-Qafas ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni Ewropea. Id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni jrid jipprovdi informazzjoni dwar is-sistemi ta' kontroll intern, filwaqt li r-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat (CAAR) irid ikun fih informazzjoni EN 59 EN dwar l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern, inkluż fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju.

Barra minn hekk, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Frontex - UPD (funzjoni indipendenti marbuta direttament mal-Bord MAniġerjali) jissorveljaw l-ipproċessar tad-data personali mill-Frontex.

Fl-aħħar nett, bħala DĠ sieħeb tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, id-DĠ HOME jopera eżerċizzju ta' ġestjoni tar-riskju annwali biex jidentifika u jivvaluta r-riskji għoljin potenzjali relatati mal-operazzjonijiet tal-aġenziji. Ir-riskji meqjusa bħala kritiċi huma rrappurtati kull sena fil-pjan ta' ġestjoni tad-DĠ HOME u huma akkumpanjati minn pjan ta' azzjoni li jiddikjara l-azzjoni ta' mitigazzjoni.

Fil-livell operazzjonali jiġu identifikati r-riskji li ġejjin:

- riżorsi operazzjonali taħt pressjoni minħabba ħtiġijiet operazzjonali dejjem akbar tal-Istati Membri;

- nuqqas ta' livelli adegwati ta' riżorsi finanzjarji u umani biex jissodisfaw il-ħtiġijiet operazzjonali.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati mmaniġġjati), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-pagament jew fl-għeluq)*

Għall-parti tal-ġestjoni kondiviża, il-kost tal-kontrolli huwa mistenni li potenzjalment jiżdied għall-Istati Membri. Bl-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ġestjoni u l-kontrolli li qed jiġi introdott fl-abbozz tas-CPR flimkien ma' motivazzjoni msaħħa biex jiġu adottati opzjonijiet ta' kostijiet simplifikati (SCOs), il-kost tal-kontrolli għall-Istati Membri huwa mistenni li jitnaqqas. Għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-proporzjon ta' "kostijiet tal-kontroll/valur tal-fondi relatati mmaniġġjati" huwa rrappurtat mill-Kummissjoni. Ir-RAA tal-2023 tad-DĠ HOME jirrapporta 0.08 % għal dan il-proporzjon fir-rigward tal-Entitajiet Fdati

tal-Ġestjoni Indiretta u l-Aġenziji Deċentralizzati, inkluża l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Id-DĠ HOME se jkompli japplika l-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni (CAFS) biex jiġi żgurat li, fost l-oħrajn, il-kontrolli interni kontra l-frodi tiegħu jiġu kompletament allinjati mas-CAFS u li l-approċċ għall-ġestjoni tar-riskji ta' frodi jkun immirat biex jidentifika oqsma b'riskju ta' frodi kif ukoll tweġibiet adegwati.

Fir-rigward tal-ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kont sottomess lill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet.

Għall-ġestjoni indiretta, il-miżuri relatati mal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra huma deskritti, fost l-oħrajn, fl-Artikolu 117 tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Il-Frontex tipparteċipa notevolment f'attivitajiet għall-prevenzjoni tal-frodi tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u tinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar każijiet ta' frodi preżunta u irregolaritajiet finanzjarji oħra – f'konformità mal-istrateġija interna tagħha kontra l-frodi.

Barra minn hekk, bħala DĠ sieħeb, id-DĠ HOME żviluppa u implimenta l-istrateġija proprja tiegħu kontra l-frodi fuq il-bażi tal-metodoloġija pprovduta mill-OLAF. L-aġenziji deċentralizzati, inkluża l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrateġija.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nfiq | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[64] | minn pajjiżi tal-EFTA[65] | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[66] | Minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| 4 | 10 01 01 00 | Diff./Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 4 | 10 02 01 00 | Diff./Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 4 | 11 10 01 00 | Diff./Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

64 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
65 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
66 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali
- ⊟ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

#### *3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | 4 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ HOME | | | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | **TOTAL TAL-QFP 2021-2027** |
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | |
| 10 02 01 00 | Impenji | (1a) | 0,000 | 75,044 | 122,240 | **197,284** |
| | Pagamenti | (2a) | 0,000 | 8,005 | 8,514 | **16,519** |
| Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi | | | | | | |
| 10 01 01 00 | | (3) | **0,000** | **0,832** | **1,610** | **2,442** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** | Impenji | =1a+1b+3 | **0,000** | **75,876** | **123,850** | **199,726** |
| **għal DĠ HOME** | Pagamenti | =2a+2b+3 | **0,000** | **8,837** | **10,124** | **18,961** |

| **Aġenzija: Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL 2021 - 2027** |
|---|---|---|---|---|
| Linja baġitarja: 11 10 01 00 / kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE lill-aġenzija | 0,148 | 0,599 | 1,124 | 1,871 |

Qed jiġi propost li jiġi rinfurzat il-baġit għar-ritorn tal-Frontex, jekk ikun meħtieġ, fl-2025, l-2026 u l-2027 billi jiġu allokati riżorsi internament fil-baġit tal-Frontex skont il-konsum reali. Ir-riallokazzjoni interna tista’ tiġi kkumpensata minn tnaqqis tal-pakkett tal-programm AMIF/linja baġitarja li ġejjin: 10 02 01 00 / fis-snin: 2025-2027.

| | | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL TAL-QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (inkluża l-kontribuzzjoni lill-aġenzija deċentralizzata) | Impenji | (4) | 0,148 | 75,643 | 123,364 | **199,155** |
| | Pagamenti | (5) | 0,148 | 8,604 | 9,637 | **18,390** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0,000 | 0,832 | 1,610 | **2,442** |
| **Total tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 4** | Impenji | =4+6 | **0,148** | **76,475** | **124,974** | **201,597** |
| tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | =5+6 | **0,148** | **9,436** | **11,247** | **20,832** |
| **Total tal-approprjazzjonijiet taħt l-Intestatura 1 sa 6** | Impenji | =4+6 | **0,148** | **76,475** | **124,974** | **201,597** |
| tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Pagamenti | =5+6 | **0,148** | **9,436** | **11,247** | **20,832** |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | "Nefqa amministrattiva" | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| DĠ HOME | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL TAL-QFP 2021-2027** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | 0,958 | 1,146 | 1,334 | **3,438** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL TAD-DĠ HOME** | Approprjazzjonijiet | **0,958** | **1,146** | **1,334** | **3,438** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total tal-impenji = Total tal-pagamenti) | **0,958** | **1,146** | **1,334** | **3,438** |

| | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL TAL-QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7** | Impenji | **1,106** | **77,621** | **126,308** | **205,035** |
| tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | **1,106** | **10,582** | **12,581** | **24,270** |

### 3.2.2. *Output stmat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali(din it-taqsima ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljun EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** | | | **Sena** | | **Sena** | | **Sena** | | **TOTAL 2021-2027** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ò | | | **2025** | | **2026** | | **2027** | | | |
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | |
| | Tip | medju Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 *Tissaħħaħ id-**dimensjoni Ewropea fil-ġestjoni tar-ritorni u s-simplifikazzjoni u ż-żieda tal-effettività tal-proċess ta' ritorn*** | | | | | | | | | | |
| - Tiġi stabbilita formola komuni għall-Ordni Ewropea ta' Ritorn | | | | | | 0,087 | | | **0** | **0,087** |
| - Tiġi stabbilita formola standard għall-applikazzjonijiet tar-riammissjoni | | | | | | 0,087 | | | | **0,087** |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | | **0** | **0,000** | **0** | **0,174** | **0** | **0,000** | **0** | **0,174** |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 Tiġi simplifikata l-proċedura ta' ritorn | | | | | | | | | | |
| - Żieda fl-għadd ta' ritorni furzati | | | | | | 17,070 | | 34,140 | **0** | **51,210** |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2 | | | **0** | **0,000** | **0** | **17,070** | **0** | **34,140** | **0** | **51,210** |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 3 Tiġi inċentivata l-kooperazzjoni mill-persuna ripatrijata | | | | | | | | | | |
| - Inċentivi għar-ritorni volontarji | | | | | | 2,800 | | 5,600 | **0** | **8,400** |
| - Kapaċità ta' detenzjoni | | | | | | 55,000 | | 82,500 | **0** | **137,500** |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 3 | | | **0** | **0,000** | **0** | **57,800** | **0** | **88,100** | **0** | **145,900** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTALI** | **0** | **0,000** | **0** | **75,044** | **0** | **122,240** | **0** | **197,284** |

### 3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ⊟ Il-proposta/L-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

#### 3.2.3.1. *Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL 2021 - 2027 |
|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7** | | | | |
| Riżorsi umani | 0,958 | 1,146 | 1,334 | **3,438** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7** | **0,958** | **1,146** | **1,334** | **3,438** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | |
| Riżorsi umani | 0,000 | 0,805 | 1,610 | **2,415** |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 0,000 | 0,027 | 0,000 | **0,027** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,832** | **1,610** | **2,442** |
| | | | | |
| **TOTAL** | **0,958** | **1,978** | **2,944** | **5,880** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati mill-approprjazzjonijiet mid-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

### 3.2.4. *Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani

– ⊟ Il-proposta/L-inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

#### 3.2.4.1. *Iffinanzjati mill-baġit ivvutat*

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)*[67]

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 |
|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 4 | 5 | 6 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE) | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | 0 | 0 | 0 |
| **• Persunal estern (f'FTEs)** | | | |

[67] Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali") | | 2 | 2 | 2 |
| 20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 |
| Admin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY] | - fil-Kwartieri Ġenerali | 0 | 0 | 0 |
| | - fid-Delegazzjonijiet tal-UE | 0 | 5 | 10 |
| 01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta) | | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7 | | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7 | | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL** | | **6** | **12** | **18** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa għall-inizjattiva huma magħmulin minn 6 uffiċjal AD u 12-il membru tal-persunal estern (10 AC u 2 SNE).

Bħalissa, id-DĠ HOME għandu 4 uffiċjali AD u 2 menbri tal-persunal estern (SNE) li jaħdmu (FTE) fuq din il-proposta leġiżlattiva għal kwistjonijiet ta' ritorn. Kif diġà ssemma u ġie spjegat fis-sottomissjoni tad-DĠ HOME għad-DB 2026, 3 uffiċjali AD ulterjuri huma meħtieġa biex ikomplu n-negozjati u jsegwu l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva l-ġdida u l-ekosistema l-ġdida futura għad-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' ritorn, riammissjoni u riintegrazzjoni. Mit-3 AD mitluba fid-DB 2026, 2 uffiċjal AD huma meħtieġa biex jappoġġaw in-negozjati/it-tħejjijiet qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament, jabbozzaw atti ta' implimentazzjoni/delegati u ssemmew fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Legali tal-proposta attwali. Fil-preżentazzjoni tad-DĠ, id-DĠ HOME ikkjarifika għaliex ir-riallokazzjonijiet interni bħalissa mhumiex opzjoni fattibbli (id-DĠ Home użahom, kemm jista' jkun diġà, biex jallinja l-prijoritajiet mal-persunal meħtieġ f'oqsma oħra ta' ħidma). Din il-proposta tirrikjedi wkoll li 10 AC jitqiegħdu fid-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi li ma jistgħux jiġu riallokati fi ħdan id-DĠ HOME u jridu jiġu allokati lid-DĠ HOME flimkien mal-allokazzjoni annwali.

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f'FTEs):

| | Persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni | Persunal addizzjonali* | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | **Għandu jiġi ffinanzjat taħt l-Intestatura 7 jew mir-Riċerka** | **Għandu jiġi ffinanzjat mil-linja BA** | **Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi** | **Eċċezzjonalment, mill-grupp ta' riallokazzjoni tal-Kummissjoni wara orjentazzjoni mis-CMB*** |
| Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal | 4 | | MHUX APPLIKABBLI | | 2 |
| Persunal estern (CA, SNEs, INT) | 2 | | 10 AC | | |

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | - 2 membri tal-persunal: L-appoġġ għan-negozjati tal-proposta leġiżlattiva fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill<br>- 1 membru tal-persunal: Abbozzar ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni + negozjati<br>- 2 membri tal-persunal: Appoġġ lill-Istati Membri u lill-Frontex fl-implimentazzjoni<br>- 1 membru tal-persunal: Abbozzar ta' manwal |
| Persunal estern | - 1 SNE: L-appoġġ għan-negozjati tal-proposta leġiżlattiva fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill<br>- 1 SNE: Abbozzar ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni + negozjati, Abbozzar ta' manwal u Appoġġ lill-Istati Membri u lill-Frontex fl-implimentazzjoni<br>- 10 AC: Appoġġ lill-Istati Membri u lill-Frontex fl-implimentazzjoni tar-riammissjoni f'pajjiżi terzi |

3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

Obbligatorju: fit-tabella ta' hawn taħt għandha tiġi inkluża l-aħjar stima tal-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali li jirriżultaw mill-proposta/mill-inizjattiva.

B'mod eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva, l-approprjazzjonijiet skont l-Intestatura 7 għandhom jiġu ppreżentati fil-linja ddeżinjata.

L-approprjazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 6 għandhom jiġu riflessi bħala "Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali". Din in-nefqa tirreferi għall-baġit operazzjonali li għandu jintuża għall-użu mill-ġdid/għax-xiri/għall-iżvilupp ta' pjattaformi/għodod tal-IT relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva u mal-investimenti assoċjati tagħhom (pereż. liċenzji, studji, ħżin ta' data eċċ.). L-informazzjoni pprovduta f'din it-tabella għandha tkun konsistenti mad-dettalji ppreżentati fit-Taqsima 4 "Dimensjonijiet diġitali".

| **TOTAL tal-Approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL MFF 2021–2027** |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7** | | | | | |
| Nefqa tal-IT (korporattiva) | 0.000 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | **0.000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7** | **0.000** | **0.000** | **0.000** | **0.000** | **0.000** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | | |
| Nefqa marbuta mal-politika dwar l-IT fil-qafas ta' programmi operazzjonali | 0.000 | 0.000 | 0.000 | 0.000 | **0.000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7** | **0.000** | **0.000** | **0.000** | **0.000** | **0.000** |
| | | | | | |
| **TOTAL** | **0.000** | **0.000** | **0.000** | **0.000** | **0.000** |

*3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ⊟ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

Il-kostijiet koperti mill-AMIF u l-Frontex se jiġu ffinanzjati fi ħdan il-QFP eżistenti.

– ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP

Spjega x'inhu meħtieġ billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li jridu jintużaw.

– ☐ tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

Spjega x'inhu meħtieġ billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

*3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ⊟ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljun EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | |

*3.2.8 Riżorsi umani stmati u l-użu tal-approprjazzjonijiet meħtieġa f'aġenzija deċentralizzata*

Rekwiżiti tal-persunal (unitajiet ekwivalenti għall-full-time)

| **Aġenzija: Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AD) | 2 | 4 | 7 |
| Aġenti temporanji (Gradi ta' AST) | 0 | 1 | 1 |
| *Subtotal tal-aġenti temporanji (AD+AST)* | *2* | *5* | *8* |
| Persunal bil-kuntratt | 0 | 1 | 1 |
| Esperti nazzjonali sekondati | 0 | 1 | 2 |
| *Subtotal tal-aġenti kuntrattwali u tal-SNEs* | *0* | *2* | *3* |
| TOTAL tal-persunal | **2** | **7** | **11** |

Approprjazzjonijiet koperti mill-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Aġenzija: Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL 2021 - 2027** |
|---|---|---|---|---|
| Titolu 1: Nefqa tal-persunal | 0,148 | 0,599 | 1,124 | **1,871** |
| Titolu 2: Infrastruttura u nefqa operazzjonali | | | | **0,000** |
| Titolu 3: Nefqa operazzjonali | | | | **0,000** |
| **Total tal-approprjazzjonijiet koperti mill-Baġit tal-UE** | **0,148** | **0,599** | **1,124** | **1,871** |

Ħarsa ġenerali/sommarju tar-riżorsi umani u l-approprjazzjonijiet (f'miljuni ta' EUR) meħtieġa mill-proposta/inizjattiva f'aġenzija deċentralizzata

| **Aġenzija: Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL 2021 - 2027** |
|---|---|---|---|---|
| Aġenti temporanji (AD+AST) | **2** | **5** | **8** | |
| Aġenti kuntrattwali | **0** | **1** | **1** | |
| Esperti nazzjonali sekondati | **0** | **1** | **2** | |
| **Total tal-persunal** | **2** | **7** | **11** | |
| Approprjazzjonijiet koperti mill-Baġit tal-UE | 0,148 | 0,599 | 1,124 | **1,871** |
| Approprjazzjonijiet koperti minn tariffi | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| Approprjazzjonijiet kofinanzjati (jekk applikabbli) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |

| TOTAL tal-approprjazzjonijiet | 0,148 | 0,599 | 1,124 | 1,871 |
|---|---|---|---|---|

Qed jiġi propost li jiġi rinfurzat il-baġit għar-ritorn tal-Frontex, jekk ikun meħtieġ, fl-2025, l-2026 u l-2027 billi jiġu allokati riżorsi internament fil-baġit tal-Frontex skont il-konsum reali. Il-finanzjament lil hinn mis-sena 2027 se jaqa' taħt in-negozjati tal-QFP li jmiss.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

– ☐ indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal linji tan-nefqa

EUR miljun (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[68] | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affettwata/i

[…]

Kummenti oħra (eż. il-metodu/il-formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[…]

## 4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

### 4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Din l-inizjattiva hija marbuta mill-qrib ma' inizjattiva oħra separata li jmiss dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni (approċċ komuni ġdid dwar ir-ritorni). Din l-inizjattiva separata li jmiss se tindirizza bir-reqqa d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi stabbiliti minn din l-inizjattiva.

| **Referenza għar-rekwiżit** | **Deskrizzjoni tar-rekwiżit** | **Attur(i) affettwat(i) jew ikkonċernat(i) mir-rekwiżit** | **Proċessi ta' Livell Għoli** | **Kategoriji** |
|---|---|---|---|---|

[68] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Artikolu 42(1)(d) | Is-sistema komuni tal-Unjoni għar-ritorni trid tinkludi sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Stati Membri | Stabbiliment ta' sistemi diġitali | Soluzzjoni diġitali |
| Artikolu 7(7) | Obbligu li fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen issir disponibbli l-Ordni Ewropea ta' Ritorn li jkun fiha l-elementi prinċipali tad-deċiżjoni ta' ritorn. | Stati Membri | Reġistrazzjoni tad-data | Data |
| Artikolu 21(5) | L-Istati Membri jridu jew jistabbilixxu fid-dritti nazzjonali l-metodu ta' komunikazzjoni maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-mument li fih il-komunikazzjoni titqies riċevuta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u notifikata lilu jew jagħmlu użu minn sistema diġitali żviluppata u/jew appoġġata mill-UE għall-fini ta' din il-komunikazzjoni. | Stati Membri | Nottifika | Data |
| Artikolu 36(4) | L-informazzjoni dwar l-eżitu tat-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u d-dokument tal-ivvjaġġar miksub trid tittella' fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mill-awtorità kompetenti kkonċernata. Din l-informazzjoni u d-dokument tal-ivvjaġġar iridu jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fuq talba. | Stati Membri | Reġistrazzjoni tad-data | Data |

### 4.2. Data

| **Tip ta' data** | **Referenza għar-rekwiżit(i)** | **Standard u/jew speċifikazzjoni** |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| | | **(jekk applikabbli)** |
| Data meħtieġa għall-applikazzjoni tal-inizjattiva preżenti li għandha l-għan li tistabbilixxi sistema komuni tal-UE għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-UE. | Artikolu 42(1)(d) | Mhux applikabbli |
| Formola komuni għar-ritorn li fiha l-elementi prinċipali tad-deċiżjoni ta' ritorn (Ordni Ewropea ta' Ritorn) | Artikolu 7(7) | Mhux applikabbli |
| Data kkomunikata bejn l-awtoritajiet kompetenti u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Artikolu 21(5) | Mhux applikabbli |
| Informazzjoni dwar l-eżitu tat-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u d-dokument tal-ivvjaġġar. | Artikolu 36(4) | Mhux applikabbli |

**Allinjament mal-Istrateġija Ewropea għad-Data**

Minħabba t-tip ta' data pproċessata u l-fatt li din id-data se tiġi pproċessata għal skopijiet speċifiċi ħafna, l-inizjattiva proposta hija ta' rilevanza limitata ħafna għall-objettiv li jinkiseb suq uniku ġenwin għad-data, li huwa l-objettiv sottostanti tal-Istrateġija Ewropea għad-Data.

*Allinjament mal-Istrateġija Ewropea għad-Data*

Minħabba t-tip ta' data pproċessata u l-fatt li din id-data se tiġi pproċessata għal skopijiet speċifiċi ħafna, l-inizjattiva proposta hija ta' rilevanza limitata ħafna għall-objettiv li jinkiseb suq uniku ġenwin għad-data, li huwa l-objettiv sottostanti tal-Istrateġija Ewropea għad-Data.

**Allinjament mal-prinċipju ta' darba biss**

Il-prinċipju ta' darba biss se jitqies fil-kuntest ta' inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. Din l-inizjattiva separata se tindirizza l-kwistjoni tal-awtomatizzazzjoni tal-produzzjoni ta' statistika affidabbli u dettaljata, bl-għan li jittejjeb it-tfassil tal-politika. Se tittratta wkoll il-kwistjoni tal-interoperabbiltà tas-sistemi diġitali eżistenti u futuri fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni.

**Flussi ta' data**

| **Tip ta' data** | **Referenza/i għar-rekwiżit(i)** | **Attur li jipprovdi d-data** | **Attur li jirċievi d-data** | **Skattatur għall-iskambju tad-data** | **Frekwenza (jekk applikabbli)** |
|---|---|---|---|---|---|
| Data meħtieġa għall-applikazzjoni | Artikolu 42(1)(d) | Stati Membri | Stati Membri | Obbligu ta' konformità mar-rekwiżiti | Mhux applikabbli |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| tal-inizjattiva preżenti li għandha l-għan li tistabbilixxi sistema komuni tal-Unjoni għar-ritorni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fl-UE. | | | | proċedurali | |
| Formola komuni għar-ritorn li fiha l-elementi prinċipali tad-deċiżjoni ta' ritorn (Ordni Ewropea ta' Ritorn). | Artikolu 7(7) | L-Istati Membri permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. | L-Istati Membri permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. | Obbligu ta' konformità mar-rekwiżiti proċedurali | Mhux applikabbli |
| Data kkomunikata bejn l-awtoritajiet kompetenti u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Artikolu 21(5) | Stati Membri | Ċittadini ta' pajjiżi terzi | Ħtieġa ta' komunikazzjoni ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi | Mhux applikabbli |
| Informazzjoni dwar l-eżitu tat-talba għall-konferma tan-nazzjonalità u d-dokument tal-ivvjaġġar. | Artikolu 36(4) | L-Istati Membri permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. | L-Istati Membri permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. | Obbligu ta' konformità mar-rekwiżiti proċedurali | Mhux applikabbli |

### 4.3. Soluzzjonijiet diġitali

| Soluzzjoni diġitali | Referenza/i għar-rekwiżit(i) | Funzjonalitajiet obbligatorji prinċipali | Korp responsabbli | Kif tiġi koperta l-aċċessibbiltà? | Kif jitqies l-użu mill-ġdid? | L-użu tat-teknoloġiji tal-IA (jekk applikabbli) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Artikolu 42(1)(d) | Jenħtieġ li dawn is-sistemi jimmaniġġjaw ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. | Stati Membri | Jenħtieġ li dawn is-sistemi jkunu aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. | Il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-data se jkunu dettaljati fl-inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. | Mhux applikabbli |

Sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

| Politika diġitali u/jew settorjali (meta dawn ikunu applikabbli) | Spjegazzjoni dwar kif tallinja |
|---|---|
| ***Att dwar l-IA*** | mhux applikabbli – fejn rilevanti, se tingħata spjegazzjoni fl-inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. |
| ***Qafas taċ-Ċibersigurtà tal-UE*** | mhux applikabbli – fejn rilevanti, se tingħata spjegazzjoni fl-inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. |

| | |
|---|---|
| ***eIDAS*** | mhux applikabbli – fejn rilevanti, se tingħata spjegazzjoni fl-inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. |
| ***Portal Diġitali Uniku u IMI*** | mhux applikabbli – fejn rilevanti, se tingħata spjegazzjoni fl-inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. |
| ***Oħrajn*** | mhux applikabbli – fejn rilevanti, se tingħata spjegazzjoni fl-inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. |

### *4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà*

| **Servizz pubbliku diġitali jew kategorija ta' servizzi pubbliċi diġitali** | **Deskrizzjoni** | **Referenza/i għar-rekwiżit(i)** | **Soluzzjoni(jiet) tal-Ewropa Interoperabbli (MHUX APPLIKABBLI)** | **Soluzzjoni(jiet) oħra ta' interoperabbiltà** |
|---|---|---|---|---|
| Servizzi tal-immigrazzjoni | L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-infurzar tar-regoli dwar ir-ritorn. | L-Artikolu 42(1)(d), l-Artikolu 7(7), l-Artikolu 21(5), l-Artikolu 36(4). | Mhux applikabbli | L-interoperabbiltà tas-sistema diġitali ta' ġestjoni tal-każijiet imsemmija f'din l-inizjattiva se tkun dettaljata f'inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. |

Servizz pubbliku diġitali #1: Sistemi diġitali għall-ġestjoni tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

| **Valutazzjoni** | **Miżura/i** | **Ostakli potenzjali li jifdal (jekk applikabbli)** |
|---|---|---|
| **Allinjament mal-politiki diġitali u settorjali eżistenti.** L- | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

| | | |
|---|---|---|
| interoperabbiltà tas-sistema diġitali ta' ġestjoni tal-każijiet imsemmija f'din l-inizjattiva se tiġi indirizzata f'inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. | | |
| **Miżuri organizzattivi għat-twassil tas-servizzi pubbliċi diġitali transfruntiera bla xkiel.** Il-governanza tas-sistema diġitali ta' ġestjoni tal-każijiet imsemmija fl-inizjattiva preżenti se tiġi indirizzata f'inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| **Miżuri meħuda biex jiġi żgurat fehim kondiviż tad-data.** Il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-data pproċessata fis-sistema diġitali ta' ġestjoni tal-każijiet imsemmija f'din l-inizjattiva se jiġu indirizzati f'inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni. | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| **L-użu ta' speċifikazzjonijiet u standards tekniċi miftuħa maqbula b'mod komuni.** | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

### 4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Ir-rwol tal-Kummissjoni u atturi oħra (eż. l-aġenziji tal-UE) se jiġi indirizzat f'inizjattiva separata dwar id-diġitalizzazzjoni fil-qasam tar-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni